# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXVIII 2006

## Noti għall-Kontributuri

Ir-rivista *Il-Malti* tikkonsisti f'xogħlijiet akkademiċi u letterarji li qatt ma jkunu dehru qabel. Il-kwalità tax-xogħol ippubblikat għandha tirrifletti l-pożizzjoni ta' L-Akkademja tal-Malti bħala istituzzjoni mogħtija għat-twessigħ tal-produzzjoni letterarja bil-Malti, u għall-firxa ta' studji marbutin ma' l-istess lingwa. Il-prinċipji u l-perspettivi tal-kontributuri jistgħu ma jaqblux ma' dawk tal-Bord Editorjali, iżda dan il-Bord ma jaċċettax xogħlijiet li jkunu offensivi lejn xi identità razzjali, sesswali, jew reliġjuża.

## Il-Manuskritt

- Idealment il-kitba ma tkunx itwal minn 5000 kelma
- Jintuża font b'karattri Maltin, preferibbilment *Times New Roman*, daqs 12 pt
- It-test kollu jrid ikun *justified*
- Għal referenzi biblijografiċi u noti, ir-rivista *Il-Malti* tuża s-sistema tal-*footnotes*, noti li jidhru fil-qiegħ tal-paġna. Il-kittieba għandhom jużaw dawn in-noti bil-qies. Nissuġġerixxu li, b'mod ġenerali, diskors essenzjali għall-argument ta' l-artiklu għandu jidħol fit-test ewlieni; diskors mhux rilevanti għall-artiklu għandu jitħalla barra
- Għal raġunijiet ta' spazju, *Il-Malti* ma jinkludix biblijografija fi tmiem l-artikli

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# Il-Malti

Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA LETTERARJA
LXXVIII
2006

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Marco Galea
*Membri*: David Agius Muscat
Clare Azzopardi
Joseph P. Borg
Adrian Grima

Pubblikazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti
© 2006 L-Akkademja tal-Malti

ISBN 999323-7-125-X
ISBN 13: 978-99932-7-125-3

iddedikat lil
Ġużè Chetcuti
(1914–2006)

# Werrej

L-Editorjal
Marco Galea ........................................ 1

**POEŻIJA**

Hemm Xtajta
*Ġorġ Borg* ........................................ 7
Kelma
*Paul P. Borg*
Inżul ix-Xemx fuq il-Guadalquivir
*Norbert Bugeja* ........................................ 11
In-Ners
*Charles Casha* ........................................ 12
Tbissima
*Carmel G. Cauchi* ........................................ 13
Qalbi
*Sergio Grech* ........................................ 14
Poeżija Waħda
*Sergio Grech* ........................................ 14
Nugrufum
*Maria Grech Ganado* ........................................ 15
Bħal Vuċi Oħra ġo dil-Konfużjoni
*Adrian Grima* ........................................ 16
Funeral
*Henry Holland* ........................................ 18
Ftit Weraq mill-Gżira
*Immanuel Mifsud* ........................................ 19
Għax Xi Darba Kien Hemm il-Palestina
*Walid Nabhan* ........................................ 21

It-Tmiem fil-Qrib
*Patrick Sammut* ..........................................................................23
Biljett Miftuħ
*Karl Schembri* ..........................................................................24
Statistika
*Lillian Sciberras* ..........................................................................28

**NOVELLI**

Meta Waqa' l-Ispazju Kollu Fuqha
*Clare Azzopardi* ..........................................................................32
Passju
*Stanley Borg* ..........................................................................35
Abdilla l-Għaqli u l-Kibx il-Mitluf
*Steve Borg* ..........................................................................37
Qaddis Ġdid
*Maurice Mifsud Bonnici* (10 ta' Lulju, 2003) ..................................41
Bl-Irħis
*Vince Vella* ..........................................................................45
Fejn Hemm il-Beraħ
*Trevor Żahra* ..........................................................................47

**TRADUZZJONIJIET**

L-Apostata jew Moħħ Imħarbat (Albert Camus)
*Toni Aquilina* ..........................................................................53
Il-Kantiku tal-Ħlejjaq (San Franġisk t'Assisi)
*Mario Debono* ..........................................................................67
Siltiet minn *Il-Profeta* (Kahlil Gibran)
*Victor Fenech* ..........................................................................69
L-Għaxija ta' Jum ta' Festa (Giacomo Leopardi)
*Oliver Friggieri* ..........................................................................71
Is-Sibt fir-Raħal (Giacomo Leopardi)
*Alfred Palma* ..........................................................................73

# L-Editorjal

Marco Galea

Qed nikteb dan l-editorjal inqas minn ġimgħa mill-mewt ta' Ġużè Chetcuti, li lilu huwa ddedikat dan il-volum. Mhijiex l-intenzjoni tiegħi li hawnhekk ngħaddi ġudizzju fuq il-karriera letterarja u akkademika ta' dan il-kollega tagħna u għalliem ta' ħafna minna. Dak il-ġudizzju jsir mill-kritiċi u mill-istoriċi, kemm tal-lingwa kif ukoll tal-letteratura, u jsir bil-kalma.

Madankollu, ma nistax inħalli dan l-avveniment jaħrab mingħajr ma nikkummenta dwar il-figura ta' Chetcuti bħala letterat li ddedika ħajtu għall-kawża tal-Malti u għall-ħidma letterarja, żewġ attivitajiet li għan-nies tal-ġenerazzjoni tiegħu ma setgħux jinfirdu minn xulxin. Chetcuti kien konsistenti tul il-karriera kollha tiegħu illi fiha ra l-kitba bħala strument biex iwassal 'il quddiem dak kollu li kien jemmen fih, mid-devozzjoni lejn il-Madonna sal-fiduċja li kellu li l-klassi politika kienet sa ssolvi l-problemi tal-klassijiet soċjali emarġinati. Il-poeżiji, id-drammi u r-rumanzi tiegħu jixhdu dan kollu.[1] Taqbel jew ma taqbilx miegħu trid tammira l-kuraġġ li kellu li jipproponi l-ideat tiegħu bla ħabi.

Il-kittieba attivi llum għandhom sfidi li jistgħu jidhru differenti. Per eżempju, m'għadhomx jitqiesu mill-pubbliku bħala r-regolaturi tal-lingwa, u għalhekk jistgħu jesperimentaw bil-lingwa b'mod li l-kittieba tal-ġenerazzjoni

[1] Ara, per eżempju d-dramm *1919* (Malta, Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent, 1987), ir-rumanz *Qabel Telgħet ix-Xemx* (Malta, Sensiela Kotba Soċjalisti, 1987), u l-oratorju "Marija Immakulata" (1994).

ta' Chetcuti ma setgħux. Il-kittieba ta' llum lanqas għadhom jgħixu f'soċjetà li tara lilha nnifisha bħala waħda omoġenja b'valuri komuni għal kulħadd u li huma jinżammu bħala d-difensuri pubbliċi tagħhom.

Dan jagħmel ix-xogħol tal-kittieba aktar faċli f'ċerti aspetti imma aktar ikkumplikat f'oħrajn. Il-kittieba għandhom aktar libertà ta' espressjoni. Ħadd ma jistenna fi żmienna li jisma' li t-tali awtur ġie kkundannat mill-qorti għaliex il-viżjoni li għandu tal-ħajja mhix pożittiva biżżejjed, bħalma darba ġara lil Ġorġ Pisani fis-seklu li għadda.[2] Madankollu, bħal kull libertà oħra, din il-libertà ġġib magħha responsabbiltajiet li aktarx il-kittieba li għexu qabilna ma kenux iħossu daqs il-kittieba ta' żmienna.

Il-kittieba Maltin illum għandhom aktar għażliet individwali x'jagħmlu. Ħafna minn dawn l-għażliet huma stilistiċi, imma għandhom ukoll għażliet politiċi x'jagħmlu. Il-pubbliku għadu jistenna li l-kittieba jservuh ta' kuxjenza, li jisfidawlu l-mod kif jaħseb. Fi kliem ieħor, il-qarrejja għadhom iħarsu lejn il-kittieba bħala intellettwali.

Għalhekk il-kittieba huma obbligati li jieħdu pożizzjoni. Fi żmien Dun Karm din il-pożizzjoni kienet ċara, favur il-Malti, favur Malta, favur il-Kattoliċiżmu. Imma llum?

Edward Said, fil-ktieb tiegħu *Representations of the Intellectual* isostni li l-pożizzjoni li jridu jieħdu l-intellettwali (u b'intellettwali ħafna drabi qed jifhem kittieba) hija li jirrappreżentaw lil min fis-soċjetà qed ibati, min hu fqir, bla leħen, bla rappreżentazzjoni, u bla poter.[3] Ma jiswa xejn, ħlief għalihom infushom, li l-kittieba jirrepetu pożizzjonijiet magħrufa u dominanti li jagħmluhom il-benjamini ta' min ikun fil-poter. L-agħar ħaġa li tista' tiġrilu l-intellettwali, għallinqas skond Said, hija li jagħżel li ma jitkellimx meta b'dak li jista' jgħid sa jweġġa' lil min jista' jagħmlu konsulent, iqiegħdu f'kumitat prestiġġjuż, u forsi xi darba jagħmlu ambaxxatur.[4] Din naħseb li hi l-isfida li għandhom quddiemhom il-kittieba Maltin illum, li ma jaddottawx pożizzjonijiet komdi u popolari imma li jkunu dejjem lesti li bil-kitbiet tagħhom iċaqalqu, iġiegħlu lin-nies jiddubitaw minn ħwejjeġ li għalihom kienu ċertezzi, jistaqsu mistoqsijiet skomdi. Naturalment m'għandhomx jistennew premju għal dan ix-xogħol. F'ħafna pajjiżi oħra l-kittieba jintbagħtu l-ħabs, jiġu eżiljati, jinqatlu għal dak li jgħidu. Għall-grazzja t'Alla f'pajjiżna l-kastig għal min idardar l-ilma s'issa huwa żgħir bħalma huwa żgħir il-premju għal min jaqdi lil xi poter.

Huwa f'das-sens li jien ferħan li l-Akkademja tal-Malti tista' llum tippreżenta ġabra ta' xogħlijiet bħalma hi dik li ssibu f'din il-ħarġa. Fil-komplessità tagħhom

[2] Ara Ġużè Aquilina, *Il-Polz ta' Malta*, (Malta, Lux Press, 1948) 201.
[3] Edward W. Said, *Representations of the Intellectual*, (Londra, Vintage, 1994) 84.
[4] Said, 74

dawn ix-xogħlijiet juru li l-kittieba Maltin, minbarra li jfittxu dak li hu sabiħ, huma impenjati wkoll li jipprovdu letteratura li tirreaġixxi għall-mistoqsijiet li l-Maltin jistaqsu l-ħin kollu. Huwa fatt interessanti żgur li numru mhux ħażin mill-kitbiet li ġew sottomessi għal din il-ħarġa kienu b'modi differenti qed jikkummentaw fuq il-problema tar-razziżmu u l-ksenofobija f'pajjiżna, minkejja li din il-problema donnha għadha mhix prijorità għal min jikkontrolla l-istituzzjonijiet u l-mezzi tal-komunikazzjoni f'pajjiżna.

Imma l-kitbiet li ssibu hawnhekk mhumiex manifesti politiċi. Għalhekk meta taqrawhom għandkom tintebħu li l-kittieba tagħna qed jagħmlu sforz biex iġebbdu l-possibbiltajiet tal-lingwa. Għal xi qarrejja ta' *Il-Malti*, uħud mill-esperimenti lingwistiċi jistgħu jidhru eċċessivi jew idarrsu. M'iniex sa nagħmel apoloġiji. Naħseb li f'ħajjitna, il-ġdid, id-differenti, dejjem jinkwetana. Imma letteratura li ma tħassibniex, x'użu għandha? Naturalment, m'iniex ngħid li kull ma hu ġdid u trasgressiv huwa tajjeb. Qed ngħid biss li l-letteratura tajba trid tfittex bilfors dak li hu ġdid u tkun trasgressiva bil-mod awtentiku u intelliġenti tagħha.

# POEŻIJA

# Hemm Xtajta

Ġorġ Borg

Hemm xtajta mistura
ġo fija
fejn darba, żmien ilu,
middejt u ħallejt
it-tfulija.

Il-mewġ għadni nħossu
waqtiet
max-xtajta jintilef
fil-fsied.

Il-blat għadu jrabbi
l-ħaxix
u jżid it-tingiż
u t-tgħargħix.

Il-gawwi ħafif
għadu jdur
u jiġi u jmur.

Le, le, mhux lakemm
dix-xtajta minn ħajti
tintemm

# Kelma

Paul P. Borg

Diġà inħoss jiżżerżaq
il-kaptell
u jitkaħħlu sewwa x-xquq
biex fl-aħħar jaqa' d-dlam
fil-kaxxa ta' l-injam
u riħa t'umdu
madwar għadmi
ġewwa qabri ...

Diġà qed inħoss laħmi
madwar għadmi
ġewwa qabri
isir dud ...

Iżd'int ja kelma,
wild il-weġgħa ta' l-imħabba!
Taħrab minn ġo qalbi
qalb id-dud,
tixref xfar il-għatu
tal-kaxxa ta' l-injam,

tiżgiċċa minn ġot-tajn
ta' bejn ix-xquq
u tmur tistaħba
fl-eternità li tidwi
f'xi rokna
f'toqba sewda
fl-univers.

# Inżul ix-Xemx fuq il-Guadalquivir

Norbert Bugeja

Sebgħa u għoxrin larinġa tesa' qalbek.

Sebgħa u għoxrin larinġa jħarsu 'l isfel
lejn il-Guadalquivir għaddej bil-lajma,
jixxotta d-dmugħ ta' din il-belt li tlegleg
mill-mewt oranġjo ċċapċap f'ħalq il-bhima.
Sebgħa u għoxrin larinġa jiddiskutu
l-ideat sofor maqbudin f'idejna
aħna u nixorbu r-ragħwa tax-xemx nieżla –
*ole, la muerte alegre.* Minn taħt il-għajn
sebgħa u għoxrin larinġa jgħollu jdejhom
u f'sakra żienja jħarsu lejn għajnejna:
żewġ midinbin qed jaqsmu tazza birra,
żewġ barrin suwed mgħannqa fuq ir-ramel …

Sebgħa u għoxrin larinġa.

Daqshekk jifilħu jġorru dawn il-vrus.

# In-Ners

Charles Casha

Karba wara karba,
hemm rat il-ħajja tnin
fuq sodod bojod komdi
u art li tfuħ
bid-diżinfettant irħis.

U meta jgħaddi ħinha
tmur tiġri lejn kamritha
biex tbiddel ħalli titlaq
fid-dinja tal-ħajjin.

# Tbissima

Carmel G. Cauchi

It-tbissima rari tiegħek
xemx tittawwal minn tiċrita
f'sema sħab;
leħħa dawl fuq qatra nida,
jew munita tad-deheb tlellex
f'id tallab.

It-tbissima rari tiegħek
bħal qawsalla f'maltempata
troxx is-sliem;
qatra balzmu fuq fomm ġerħa,
jew il-għafsa t'id maħbuba
mingħajr kliem.

It-tbissima rari tiegħek
tinżel f'ruħi bi splużjoni
t'hena w riżq.
'Mma t-tbissima rari tiegħek
rari wisq!

# Qalbi

Sergio Grech

Traffikuża l-belt
Illejla
U qalbi waħidha,
Tittama
F'tgħanniqa.

# Poeżija Waħda

Sergio Grech

Poeżija waħda
Xtaqt ktibt
Tul għomri:
L-interzjar ta' qalbek
F'ħajti.

# Nugrufum

Maria Grech Ganado

Inħarqu l-karozzi
inħarqu l-bibien
u n-nugrufum
daħal ġewwa

bħallikieku mistieden –

u libbisna l-iswed
biex ħadd ma għarafna –
fil-mirja jitbandlu
mill-erba' rwiefen

sa deherna faxxisti.

U ma ndunajniex
li lkoll refuġjati
fil-baħar imniġġes
min-nugrufum.

# Bħal Vuċi Oħra ġo dil-Konfużjoni

Adrian Grima

Hemm il-ħtija tiegħi kollha fuqi
f'nofs it-triq quddiem id-dar midruba.
Idejja jistennew ma' ġenbi
inħosshom tqal fil-għera inutli tagħhom.
Minn nofs it-triq
taqsamli nifsi ġa dik is-swidija
u l-ħafna wċuħ iħarsu biex jaraw
x'sa nagħmel biha.

Minflok inħalli s-skiet jinfirex fija,
bil-mod, qisu loppju maqtugħ,
jew nintefa' bilqiegħda, bil-ġlekk b'kollox,
ġol-kurutur skartat li ċċappas b'dis-saħta sewda;

minflok ngħaddi subgħajja mitluqa
minn fuq il-panewijiet bil-vini rvinati
mitluqa fir-rampa tal-garaxx;

minflok indur kamra kamra,
u niskot f'kull waħda,

u nimmaġina t-tfal u l-mara li nħobb f'nofs raqda
jiżgiċċaw minn ġol-foga fferoċjata,
u ninfixel fil-ħdura ta' ġo fija;

minflok inlaqlaq ġo fija,

nisma' l-frażijiet kwieti li kulħadd isib x'jgħidli,
u nipprova nagħmel tabirruħi li naf x'qed jgħiduli
u nifhem x'qed jiġri
u huma jagħmlu tabirruħhom li qed jemmnuni.

U meta f'salt,
qalb ħafna wċuħ u spazji,
titfaċċa int
qisek vuċi oħra ġo dil-konfużjoni li għandi f'moħħi,
u nisma' sekwenza oħra ta' deċiżjonijiet u dettalji,
minflok ngħannqek u nlaqlaq ħtijieti
nipprova nisma' f'leħnek is-snin li għexna flimkien,
u jdejk ħfief, u xagħrek innukklat

u naħseb nisma' l-kisra siekta
ta' l-imħabba.

# Funeral

Henry Holland

Fil-funeral tal-Papa skola ħadd ma mar,
(anzi d-dinja donnha ssummat) u ftakart f'dakinhar
meta konna żgħar, jiena u ħuti bqajna d-dar
għax missieri riedna naraw il-funeral ta' Churchill.

Skjerati quddiem it-televixin *black and white*,
l-iqsar f'tarf is-sodda, l-itwal iserraħ mal-ħajt,
ħadd ma jażżarda jlissen kelma biex nisimgħu sew
x'qed jgħid, u mad-daqq ta' l-innu Ingliż, inqumu.

L-għada l-iskola Miss Tessie staqsietna:
"U intom ta' Holland, why did you not come?"
B'ċerta kburija ddikjarajt, "Għax miet Churchill, Miss!"

Erbgħin sena wara niftakar lil missieri jistona l-*God save*,
lil Miss Tessie tqaqi qisha tiġieġa, u jien f'nofs il-klassi
imbikkem, wiċċi aħmar aktar minn libsa ta' kardinal.

# Ftit Weraq mill-Gżira

Immanuel Mifsud

**1. In-Nisa tal-Kantunieri**

Noħlom bikom nisa tal-kantunieri,
b'ġisimkom nofsu għeri taħt fanali
li juru-ma jurux il-ħarsa ħamra
t'għajnejkom jiflu kull karozza miexja
tiflikom waħda waħda minn fuq s'isfel.
Il-lejl ħabib antik li tafuh sewwa
bil-forom differenti li jaf jieħu,
bl-istejjer li jiswew ħaqq ħames liri,
bl-uħux li ddumu tħobbu kwarta kollox
fuq sodod mingħajr lożor kollha tbajja'.

F'għajnejja nġorr il-film tal-passiġġata:
tliet metri 'l hinn u 'l hawn mill-kantuniera
li dejjem tistenniekom kwieta kwieta.

**2. Mojra**

Mojra tistenna wara l-antiporta,
tistenna sieq fuq sieq bil-*mobile* f'idha
u b'ħoss ir-radju riesaq minn ġol-kċina.
Ġisimha bbies biż-żmien u bl-esperjenza:
ma' ħalqha l-gideb lewn il-kumplimenti
li tgħaddi lil kull ġisem għeri ħuta
li jidħol kisknijiet mid-dlam t'hemm barra;
f'għajnejha n-ngħas u n-nojja jgħidu stejjer
li ddum tirrakkuntahom għaxar minuti;
idejha jafu jiżfnu żifna waħda;
saqajha jiċċaqilqu bl-istess ritmu;
xufftejha jafu biss taħrika waħda.
*Il-alla Mojra x'ġisem għandek istja!*

U Mojra tħares fiss daqs ħames liri.

# Għax Xi Darba Kien Hemm il-Palestina

Walid Nabhan

Jiena u l-qasba
u flixkun inbid irħis u ftit karti mċappsin bir-riħa tal-gambli.
Id-dwal kattoliċi tal-Mellieħa fil-faċċata qed jistħu.
Il-lampa ttradizzjonali u għalkemm il-qamar irriskja joħroġ xorta bqajt sajjied fallut
U xorta bqajt kittieb taparsi mhux kapaċi ngħid sentenza waħda li tissorprendi.
Dejjem nirrepeti l-istess kliem imqatta' li d-dinja xebgħet tisimgħu ...
Kemm-il darba bi ħsiebha tobżoqni?
Tazza oħra mill-inbid irħis u l-qasba għadha stilla tiċċassa fil-vojt.
Sittax-il sena u din Malta tinħasel għarwiena quddiemi ...
Sittax-il sena u din Malta tħares lejja mingħajr ma tarani.
Insejt kemm ilni nieqes mill-mappa tad-dinja.
Għax xi darba kien hemm il-Palestina.
Sittin sena mhux biżżejjed?
Jiena sirt preżenti fin-nuqqas tiegħi
Insejt kemm ilni inviżibbli
Dan il-vojt kollu għal persuna waħda!

Dwal kattoliċi fil-faċċata mistħija u qamar b'sidru barra u qasba llamtata.
Kemm ħa ngħid affarijet li ma jifhimhom ħadd?
Bl-iskuża tal-kliem imqatta' ppruvajt ngħid li jiena kittieb u ma emminni

ħadd u bl-istess skuża fottejt mumenti sbieħ u ttradejt lili nnifsi u llum il-ġurnata l-uġigħ imġiddem tiegħi ilu għall-wiri iktar minn sittin sena u ħadd ma jrid iħares lejh ...
Għax xi darba kien hemm il-Palestina.

Meta f'daqqa waħda skoprejt li m'għandi xejn ... bkejt.
U issa sirt naf li kulħadd jemmen li ma jixraqli xejn.
Tazza oħra minn dan l-inbid irħis.
Kieku tieqaf din l-emorraġija ta' nuqqas.
Imsiefer minn dejjem u għal dejjem.

Missieri qabel miet tani biljett tas-safar ... imma l-ħin tat-tluq ma kienx imniżżel u l-ħin tal-wasla lanqas.
Id-destinazzjoni mċajpra.

Kieku toħroġ ħuta waħda minn qiegħ dan il-baħar traskurat, tleqq naqra u ddawwal din il-qalb fraġli.
Kieku tagħfasni naqra magħha din Malta.
Kieku jinżel il-qamar u jistaqsini, fejn kont?
Kieku dan il-baħar Mediterran jitkellem ... kieku jiftaħ ħalqu darba biss ...
Kieku jgħidli ... xi ħadd sella għalik
Iżda
L-aħħar tazza minn dan l-inbid irħis
U d-dwal mistħija fil-faċċata
U sajjied fallut
U baħar traskurat
U taparsi kittieb.

# It-Tmiem fil-Qrib

Patrick Sammut

Il-mewt bil-ġuħ tibla' l-eluf
u aħna li nibqgħu bilwieqfa
rassenjati
nistennew il-miġja tagħha
għada pitgħada mifluġa u minfuħa
bil-globi t'għajnejna mqabbżin barra
naraw. nilmħuhiex tħuf fil-qrib
nissubixxu toqol il-preżenza tagħha
inviżibbli.

Inqumu bil-lejl
fil-kumdità sħuna ta' friexna
u nħossuna mitfugħin f'nofs deżert baħħ
imniffda minn ħarset dawk bla isem
– li nbelgħu diġà jew kważi –
tikkundannana mill-ħofor abbiss
u nħossuna sa nifgaw
u jkollna nqumu bilfors
inpassu ftit
fid-dawl tan-neon li jaħjik.

# Biljett Miftuħ

Karl Schembri

Jien ċittadin bil-bagalja
pajjiżi kulur ix-xemx
ilsieni jlaqqat id-djaletti
riġlejja jiżfnu mar-riħ
għajnejja jafu n-nisa tat-toroq.
Biljett miftuħ, djarju vojt,
fdalijiet tal-memorja
passaport b'wiċċ il-ġnus li ħabbejt
it-tbissima ħelwa tal-bieraħ
u fuljett tal-mużew ta' l-istejjer
inġorr miegħi.
Il-gżira tiegħi tbaħħar mal-kurrenti
tinħabb bil-ħatfa fl-ajruporti
timtedd tistrieħ quddiemi fuq il-ħoġor
tat-twieqi miftuħin tal-ferrovija.
Il-mappa ta' l-art tiegħi
titpinġa kull filgħodu
mużajk ta' knejjes vojta
u pjazez iffullati
għannejja fl-isqaqien

tfal bil-ġelati
irkejjen mudlama
swar imdawlin
imkejjen midinba
ta' l-imqarbin
f'din arti infinita
waqaf il-ħin
fis-sakra mal-Papa
'l-muġaħeddin,
isejjaħ il-ġemgħa
il-muweżżin
tibagħtu jixxejjer
f'ġieħ Arlekkin
f'dil-ħolma ta' ġensi
bla żviljarin
waqaf il-ħin.
L-ispirti jaħkmu ta' kull lejl bi kliemhom
isawru l-versi mbewsa ta' bla tmiem
f'salib it-toroq il-fanali mkebbsa
itennu l-litanija tal-ħolqien.
Fi lsieni ngħanni l-għanja tas-sbuħija
fi lsieni li lagħaq l-għaraq ta' kull żmien
inqul il-ħrejjef ta' missirijietna
inħarref il-veritajiet tal-jien.
Isimgħu il-kampnar jitnejjek bina.
Ifakkarna s-siegħa f'dan il-jum bla tmiem
l-inċens li dejjem jaħkem 'l imnifsejna
iwegħedna l-ifjen taqtiriet tas-sliem.
Fuq daz-zuntier tal-knisja tiegħi niċħad
il-bibbji li temmgħuli tul is-snin
it-tabernakli mdiehba fuq l-artali
imsakkra sew biċ-ċwievet tal-bnedmin.
Għax jiena nemmen fix-xnigħat tal-boloh
fil-versi mħażża b'rabja mal-ħitan;
'inħobbok', 'le għall-globalizzazzjoni',
'irridek miegħi', '*fuck you*', 'le', 'daqs dan'.

Imxejt u mxejt biex sibt dan kollu
imxejt u mxejt biex ma sibt xejn
imteddejt fis-sodda tal-lukanda
li sidha qalli tiflaħ tnejn.

Naf xemx li tiddi biss fl-għaxija
naf baħar moħbi taħt deżert
naf tifla tgħix fuq il-ħamrija
naf siġra sewda f'lejl inċert.

Naf tifel Brażiljan
iħares lejn is-sema
lejn ajruplan
jistaqsi kif in-nies telgħu hemm fuq

Naf ħabsi Tuneżin
klandestin

Naf Ġappuniż serqulu r-rota

Jien naf Libjan bla passaport
jaħdem f'barriera

Jien naf tifla Kosovara
iddoqq pjanu sfrundat

Jien naf Palestinjan
iżur il-qabar t'ibnu ta' kuljum
naf 'l ommu li ma tridx titkellem
u 'l sieħbu li kien miegħu f'dak il-jum

Jien naf żeffien mill-Katalunja
'il dellu jaħkmu
bil-qilla ta' riġlejh
jiżfen ċrieki fuq ir-ramla
ara l-qamar jiżfen ħdejh

Din hija arti
Din hija l-belt tiegħi
Din hija s-siegħa
li nġorr ir-riħ miegħi

Din hija arti
Din hija d-dinja tiegħi
Din hija l-istorja
li nġorr fil-bagalja miegħi

# Statistika

Lillian Sciberras

Qallibt il-ktieb li sena wara l-oħra
jżomm il-kont tal-ħajja ta' kulħadd,
Li jgħodd it-trabi l-ġodda waħda waħda
tul il-ġimgħa u nhar ta' Ħadd;
Li jirreġistra l-mewt ta' dawk li telqu
xahar fuq xahar;
U l-mard, u d-daqqiet ta' karozza, u meta ġraw,
jekk kienx Diċembru jew kienx Frar;
Li jniżżel fejn joqogħdu l-ġenituri ġodda
ta' gziritna;
U jikkalkula n-numru t'emigranti u l-kotra
kollha li telqitna;
Li jittrombja 'l bogħod 'il bogħod għalkemm
l-irġiel u n-nisa mistennija jibqgħu ħajja;
U jqassam l-għadd tan-nies fil-bliet
u rħula, rqajja' rqajja';
Li anki jaf kemm żwiġijiet isiru
tul is-sena fil-pajjiż;
U kemm, minn dawn, jiċċelebraw b'reġistru
jew b'qassis.

Imma, li ma naħsibx li jaf dal-ktieb
 informat sewwa
Huwa dak it-tagħrif mistur, maqful
 fil-qalb ta' ġewwa:
Kemm tamiet sbieħ issawru w sfaw imġarrfa
 għal kull żwieġ iċċelebrat;
Kemm taqtigħ il-qalb, għaraq u dmugħ
 f'kull emigrant ikkalkulat;
Kemm imħabba jew nuqqas tagħha hemm lest
 għal kull tarbija;
Minnxiex għaddiet fl-aħħar siegħa
 tal-mewt Marija;
Kemm ferħ u tbatijiet jimlew it-trufijiet
 minn dar għal dar,
U b'liema tip ta' frugħa jimlew il-ħajja tagħhom
 ix-xjuħ, u ż-żgħażagħ, bil-lejl, bi nhar.

# PROŻA

# Meta Waqa' l-Ispazju Kollu Fuqha

Clare Azzopardi

1

"Jiġifieri int qed tgħid li hawn m'għandekx spazju?"

"Le hux!"

"U ejja ... "

"Ara l-oħra!"

"Imma kif jista' jkun?"

"Ngħix m'ommi u d-dar hija t'ommi u ta' missieri u noqgħod fiha. Noqgħod fl-ispazju t'ommi u ta' missieri. Qed tifhem?

"Eħe ... "

"L-uniku spazju li għandi taf x'ihnu?

"Eh ... "

"Ħalqi."

"Il-ħanina int ..."

"Xiex?!"

"Le xejn."

"U s-sodda x'aktarx ... "

"Il-kamra tas-sodda?"

"Is-sodda biss. Għax il-kamra tas-sodda mhix tiegħi biss, imma tiegħi u t'oħti."

"Qed nifhmek!"

"U l-ixkaffi fejn inqiegħed il-kotba ... Għandi ħames xkaffi b'kollox. Dawk tiegħi. Eh, u taf x'iktar? Il-karozza. Il-karozza wkoll hi l-ispazju tiegħi per eżempju. Mill-bqija ngħix fi spazju ta' ħaddieħor."

"U x-xogħol?"
"Hemm il-*locker*. Vera ta! Għandi *locker*."
"Jiġifieri int qed tgħid li ... "
"Dak biss għandi."
"Int għandek riħa partikolari. Kull meta nxommha niftakar fik."
"Eħe?"
"Ma tafx?"
"Din qatt ma smajtha."
"Emminni, vera."
"Imma din x'għandha x'taqsam ma' l-ispazju?"
"Le xejn, hekk!"
"U anyway, jien ma nagħmilx fwieħa."

2

Kull kamra fil-flett il-ġdid f'Aberdeen imtliet bil-fwieħa sħuna li ġabet magħha mid-dar li kienet tgħix fiha Malta. Imma wara tliet snin fi Triq George numru 473, din il-fwieħa qdiemet u nixfet u weħlet fuq xi xkaffa jew f'xi ktieb jew fuq siġġu jew xi mkien.

Għax issa bdiet iġġorr fwieħa ġdida – fwieħa griża.

Fil-flett il-ġdid f'Aberdeen kien hemm biss ftit spazju. Imma dan il-ftit kien kollu tagħha. U kien biżżejjed. Din kienet għamlithielu ċara lil Thomas.

Ħasbet li meta kien sa jkun qed jgħix magħha kien sa jkollha biżżejjed spazju xorta waħda. U wara tliet snin tgħix weħedha qaltlu, "Ejja hux la trid tiġi. Imma ġġib xejn miegħek. Ejja b'idek f'idek għax il-flett żgħir wisq. Ħasbet li meta jiġi hu, idejha sa jibqgħu jqattru l-fwieħa. Ħasbet li kull petala li taqa' minn sidirha kien sa jkollha spazju biżżejjed xorta waħda."

U Thomas sema' minnha u ma ġab xejn miegħu ħlief il-fwieħa sħuna ħierġa minn ħalqu u minn widnejh. Imma f'daqqa waħda, dan il-flett ċkejken, kien sa jinfaqa' bil-fwieħa li saħansitra bdiet ħierġa mit-tieqa u minn taħt il-bieb, tiddendel mal-*cooker* u mal-washing machine, u lilha ... lilha bdiet tifgaha din ir-riħa l-ġdida ta' Thomas.

Imbagħad darba qaltlu, "Int mhux bħall-ġuvintur l-oħra kollha. Int qatt ma xtrajtli warda. Ġismek jarmi riħet il-ward imma mhux warda. Sidrek jarmi x-xewk imma mhux warda." U minn dakinhar Thomas beda jġibilha warda kuljum. Kull filgħaxija. Għall-bidu ħadet gost bihom, imbagħad drat tapprezzahom u wara ftit bdew jeħdulha wisq spazju u beda l-inkwiet. Ħasbet li meta kien sa jkun qed jgħix magħha Thomas, kien sa jibqagħlha spazju xorta waħda. Imma r-riħa ta' ġismu qdiemet wisq u r-riħa tal-ward kienet tistordik u dan il-ward ta' Thomas ma jmut qatt u l-flett żgħir wisq.

Meta l-ispazju ta' ġol-flett waqa' kollu fuqha, Thomas kellu jippakkja u jitlaq lura lejn Malta bil-fwieħa ħierġa mill-bagalji u l-basktijiet. U malli għalaq il-bieb f'Triq George, numru 473, il-ward kollu aħmar dbiel f'daqqa u miet. U dakinhar Monica ħassitha qed tegħreq fix-xewk li ma baqax iniggeż u l-petali li ma baqgħux ifuħu u tidħaq.

* * *

Kull filgħodu, malli Monica tiftaħ għajnejha, issib warda bajda fuq sidirha. Bil-kalma kollha taqbadha miz-zokk, toħroġ mis-sodda u timxi sal-vażun il-kbir ta' taħt it-tieqa, li tagħti għal Triq George, biex tpoġġiha fih. Imbagħad terġa' tersaq lejn is-sodda u tagħti bewsa lil Kevin li dejjem ikun għadu rieqed.

Mill-ewwel ġurnata li Kevin beda jgħix magħha bdiet issib il-ward abjad. Kull filgħodu, fuq sidirha. U Kevin qatt ma xammu. Għax Kevin relaxed. U Kevin ma jistaqsix. Għax Kevin jitnejjek minn kollox. U Kevin ma jagħmilx fwieħa. U Kevin ma jiħux spazju. U ġismu bla riħa. Issa kienet ilha tqum bil-ward fuq sidirha ... Issa kienet ilha ftit.

Imbagħad tmur l-università fejn qed tistudja biex iġġib id-dottorat fil-botanika. Tixtieq turi li l-fjuri mhux kollha jfuħu; tixtieq turi li r-riħa tal-fjuri m'għandha l-ebda effett fuq il-burdati tan-nies, imma għandu jkun li l-fjuri dejjem ifuħu għax in-nies dejjem ixommuhom ifuħu. U għandu jkun li meta fjura tmut, in-nies jaqgħu down, u għandu jkun li l-fjuri jagħmlu lil kulħadd ferħan jekk jiddeċiedu li hekk għandu jkun.

Kevin ikun diġà qed jara t-televixin meta tidħol lura wara ġurnata xogħol bil-ward ħiereġ minn ġo żaqqha. Imma mbagħad ineħħihomlha waħda waħda bl-istejjer li ma jfuħux u hi tidħaq għax tħoss li Kevin m'għandux xi jgħid u b'Kevin magħha l-ispazju jibqa'. U hi tidħaq għax Kevin jaf jaħxi u x'aktarx li din hija l-unika ħaġa li tħalli effett tajjeb fuq il-burdati tan-nies.

Imbagħad filgħaxija, meta tidħol fil-kamra tas-sodda u tara li l-fjuri fil-vażun għadhom hemm, ixxomm lil Thomas, u qabel ma torqod bil-memorja tiegħu mċappsa ma' sidirha tagħti bewsa lil Kevin li jkun diġà beda jogħnos.

# Passju

Stanley Borg

Xi drabi nqum, u naħseb li din il-ġurnata diġà għextha, forsi iżjed minn darba. U forsi l-aħħar sitt xhur kienu biss din il-ġurnata, waħda fuq l-oħra mgħaffġin bħal fjuri bejn il-qxur ta' ktieb għat-tfal.

"Daż****tasuwed, tgħid ġamra ta' sigarett imdawra b'roqgħa leħja."

Nittewweb. Għatx. Għandi l-għatx. Minn hawn nismagħhom jitkellmu. Ma nifhem xejn, u nara biss xofftejhom imdendla ma' bejta konsonanti. Il-pulizija lebsin ingwanti bojod u jsaqsu għall-età u mnejn sa fejn.

"Issa tara. Bħal Sqallija ħa nispiċċaw. Hemmhekk invażati bihom."

Is-suwed iħarsu lejn l-art ħlief wieħed li jxengel rasu għal darba darbtejn. Tlieta. Ma jgħid xejn. Imbagħad iħares lejja, għajnejh ebsin u żgħar daqs *ball bearings*, maqtugħa bis-sadid. U jdur, donnu biex jurini li l-ġilda ta' dahru mqarqċa bħaż-żebgħa fix-xemx, u li l-vini ta' saqajh misluħa daqs kordi ta' kitarra.

Sakemm inpetpet għajnejja, jaqbeż. Malli jmiss l-ilma, ġismu jibbies. Is-sħana tbewwaq kull ħoss, ħlief għaċ-ċaf ċaf ċaf ċif ta' jdejh stirati lejja bħal xrapnel. Ix-xatt inkejja issa wasal issa fadal oċean u l-għawma donnha mhu sa tieqaf qatt għall-ġranet li fadal. Kif jaqbad ponn ir-ramel, l-aħħar sforz jiftaħlu mnifsejh u jilħeġ il-ftit metri li fadal sa ħdejja. Jintefa' kokka quddiemi, għajnejh imsallba ma' tiegħi u l-pali ta' jdejh miftuħa bħal galletta.

*"Ciao. Buongiorno. Io Ismail."*

Ix-xewka ta' dahru bħal rima mal-mewġ.

*"Io Ismail."*

Kif inqum inħoss il-frisk, l-istess frisk li żżomm il-knisja taħt in-navi. Xi ħadd ibexxaq tieqa, u jdoqq pjanu. Minn ħdejja, in-noti jinstemgħu ringiela bħal rima mal-mewġ. Bħax-xewka ta' dahar io Ismail.

* * *

Xi drabi norqod, u naħseb li dan il-lejl diġà ħlomtu. U forsi l-aħħar iljieli kienu biss din il-ħolma, waħda ġo l-oħra bħal basla, waqt li l-ġuħ itini bil-minkeb fl-istonku.

Ta' l-uniformi blu jitilgħu fuq id-dgħajsa wieħed wieħed. Ixommu l-intiena ta' saqajn, iqarrsu wiċċhom u jibdew iniżżlu n-nisa l-art. Ommi tipprova żżomm dritta. It-tfal jerfgħuhom. Lili jimbuttawni ma' Abdi, Korfa u l-oħrajn. Kemxejn goffi. Jew jiena dgħajjef.

*"Ciao, buongiorno,"* ngħidilhom, biex nurihom li naf il-lingwa tagħhom."

Tnejn minnhom jidħqu u dak li qed jitkellem ixengel rasu.

*"No Italy. Malta. This is Malta."*

Malta? Malta x'inhi?

*"Ciao, buongiorno,"* nerġa' ngħidilhom.

"Malta," jgħiduli, b'inqas paċenzja.

Malli mmiss l-ilma, ma nisma' xejn ħlief nifsi jinġibed u ċ-ċaf ċaf ċaf ċif ta' saqajn ix-xiħ fil-baħar resqin iżjed viċin. Kif naqbad l-art, ir-ramel iċedi taħt idejja u nitkaxkar lejn ix-xiħ. Nintefa' kokka quddiemu, għajnejh iħarsu warajja u l-pali ta' jdejh kollha suf żgħir, waħda ħdejn waħda, qishom punti tal-ħjata.

*"Ciao. Buongiorno. Io Ismail."*

*"Io Ismail."*

Imbagħad jaslu l-irġiel bl-uniformi blu u jxarrbu l-ingwanti bojod bl-għaraq ħelu bettieħa jleqq ma' ġismi. Iqandluni u jkaxkruni lejn id-dgħajsa, waqt li nibqa' nsejjaħ lix-xiħ *Ciao, buongiorno* biex forsi jagħrafni. Sakemm jongħos, u minn warajh jgħaddu ċorma tfal bl-uniformi blu, jgħajtu bħal gawwi waqt li jwaddbu ġebla ma' l-art u jaqbżu fuqha. U kull taptipa ta' saqajhom ma' l-art taqa' bħal nota ta' pjanu.

# Abdilla l-Għaqli u l-Kibx il-Mitluf

Steve Borg

Naħseb li dak kien l-itwal jum ta' ħajjitna. U mn'Alla kien Abdilla li ġabhielna żewġ u ħelisna minn xkora inkwiet. L-istorja tibda hawn. Kien diġà sebaħ u mix-xquq tal-persjani stajt nara l-imrieżaq tad-dawl deħlin. Kont għadni kif bexxaqt it-tieqa, biex nittawwal għal barra, meta minn taħt il-friex nisma' lil Deguara jgħidli:

"Ħalli dik il-madonna tieqa magħluqa, Borġ, ħa norqod siegħa oħra. Għax inħossni mbażwar. Ma tafx li llum frank! Ġieżumadonna, x'qomt tagħmel? "

F'kull kamra konna norqdu erbgħa. It-tnejn l-oħra – Barbara u Żerafa, kienu diġà qamu, wieħed jitnikker fis-sodda jaqra gazzetta u l-ieħor fil-kamra l-baxxa, mill-ħsejjes tiegħu, wisq probabbli kien qed jikteb ittra.

Qish lbieraħ li l-imgħallem tagħna, ta' fabbrika ta' l-għamara u ta' l-aperturi, ħabbrilna li sa jibgħatna naħdmu sentejn hawn, fl-Għarabja Sawdija. Kien hemm min qata' qalbu u ma riedx jitlaq minn ħdejn il-mara jew l-għarusa, oħrajn rawha bħala x-xoqqa f'moxtha li jdawru lira tajba flok jibqgħu fil-qamel ta' Malta, fejn is-sinjur jispiċċa jixroblok demmek u tispiċċa biex f'saħna ta' demm issabbtu xi waħda sew mal-ħajt jew tagħmel ħabel m'għonqok u taqbeż ġol-bir.

"Mur ġibhom sentejn is-Sawdi! Qalb dak it-trab. U dik is-sħana taqli l-ankri."

"Hemmhekk ma toħroġx b'qalziet qasir għax malajr iġibuk passatur. Ajma ħej, mela ma tafx li kulħadd toqbi?"

Imma minkejja t-tgerir li tant ninqalgħu għalih, mhux sa ddum taħsibha

ħafna għaliex malajr ikun hemm ħaddieħor li bilġri jeħodlok postok. Għax kif nafu, għal kull għadma hawn mitt kelb. Għaddew ftit jiem u sibt ruħi ma' ċorma ta' erbgħin ruħ fuq ajruplan fi triqitna lejn raħal żgħir ftit 'il barra minn Taif, belt qadima u mdaqqsa fl-iġbla Sawdin.

Lilna l-Maltin żammewna maqtugħa għalina f'qasam ta' kmamar, ilkoll b'sular wieħed, jagħtu għal fuq bitħa kbira fuq ġewwa. Konna qisna d-dar, ħlief li hawnhekk minflok it-trab u l-baqq li ħsibna li sa nsibu, kellna arja friska timla l-imnifsejn ġejja mill-għoljiet u l-muntanji li jdawruna. U biex tkompli tgħaxxaqha, jien li f'Malta l-ħin kollu nagħqad u ndur qalb l-isqaqien ta' l-irħula tagħna, sibt li hawn tgħidx kemm jagħmlu fwejjaħ mill-ward u għasel bnin tal-larinġ. Balleċ, imma tiskanta kif jiġu l-affarijiet.

Iż-żmien isajjar il-bajtar, u l-jiem saru ġimgħat, il-ġimgħat gerbu f'xhur. F'kemm trodd salib għaddiet sena. Kien hemm min telaq lura Malta, u ġew oħrajn minflokhom. Ġanni Deguara, mill-Mosta, dejjem jeqred kif dawn l-Għarab ma għandhom namra ta' xejn, lanqas tal-ħamiem.

"Kieku ngħix hawn, tgħidx kif narma, hawn dan il-kobor kollu. Moħli għandhom. Inrabbi x-xaqliban, il-Majorkin u tat-tiġrija. Kemm insuq, li kieku. Nies bla gosti dawn," kien iħobb jgħidli.

Qatagħha li jġib xi tliet pari u jarma bil-ħamiem, fosthom ta' l-oħxon. U minn tliet pari, kellu sitta, imbagħad sar jaf b'Għawdxi li kellu l-istess namra u wara ftit bdejna nduqu anki l-brodu tal-ħamiem, mimli bil-ħaxu ta' l-ikkapuljat, it-tewm, u t-tursin. Niġu mix-xogħol u tara lil Deguara pront pront iferrex iż-żrieragħ lill-ħamiem fil-bitħa. Daqqa l-qamħ, drabi oħra l-piżelli, iċ-ċiċri, il-qaraboċċ jew il-qamħirrun. U l-ħamiem jiekol u jismen.

"Hawn Deguara, għajjejtna bil-brodu tal-ħamiem. Daqt inrabbu r-rix. Hemm xi ċans ta' xi ħaġa oħra? Xi qarnita jew xi siċċa?" kienu jinkuh.

"Qarnita minn fejn? Mingħand iz-zozza?" kien iwiġibhom. Minkejja dan il-kliem, moħħu kien jibqa' jberren, jara x'sa jivvinta sabiex jaqtagħlhom xewqithom.

Mela dan il-jum sebaħ, ilbist flokk, tħażżimt u ħriġt 'il barra ħa nara ninżilx sar-raħal. Jidher li d-dinja kollha kienet tħarrket ħlief sħabi mitlufa jitgħażżnu fil-kamra tagħna. Hemm in-nisa u l-bniet sejrin għalenija bil-ħasla ħwejjeġ sa fuq il-banjijiet ta' l-għajn, is-subien jiġru wara xulxin ħafjin, l-irġiel bilqiegħda jilagħbu d-domino inkella sejrin jgħaddu siegħa jitbaħbħu l-ħammam. Riġlejja ħaduni minn rajhom f'toqba ta' ħanut tas-soltu, dak ta' Maħer is-Sirjan. Bilkemm ilħaqt poġġejt li ma ġablix tazza te bil-għasel u beda jagħmilli froġa bil-bajd ma' ftira sħuna. Dejjem hekk nieħu biex nistejqer.

Ftaħt il-ktieb li kont qed naqra u għaddejt siegħa medhi. Ħallast, ftilt li ngħaddi niddobba żewġ films u mort lura lejn il-qasam tagħna ħa nintefa' narahom bil-kwiet fuq is-sodda.

F'ħin minnhom nisma' lil Deguara u Barbara deħlin minn barra, dritt dritt lejn il-bitħa. Riedu jidħlu nkiss inkiss, iżda xorta smajthom. Tħarrikt, qomt u mort sa' ħdejhom. Sibthom qed jissieltu ma' muntun – jew aħjar ngħid kibx kif ngħidulu ż-Żejtun – sabiex idaħħluh ġol-gallinar tal-bitħa.

"Hemmhekk x'għamiltu? Min fejn ġibtuh dak il-kibx?"

"Tajba din, mhux minn ħdejna, hawn barra. Jekk dejjem jiġru hemm. Min hu sidhom? Ħadd. Issa ngħidlek jien x'furnata muntun sa nagħmlu" qalli Barbara.

Mort lura fuq is-sodda nkompli nara l-film, u nongħos bin-nagħsa ħelwa li bdiet tilgħab miegħi. M'għaddewx siegħa u nofs li ma nismax salt karozzi tal-pulizija bis-sireni jgħajtu. Madonna tiegħi, ħalli nara x'ġej!

Taħbit għal għarrieda fuq il-bieb ta' barra. U ftit wara aktar taħbit, din id-darba anki bis-sieq. Żerafa fetaħ il-bieb u dlonk daħlu bil-herra nofs tuzzana pulizija, warajhom raġel bil-geżwira u warajh patafjun tfal.

"Hawn x'ġej, ja sieħbi?" staqsejt lill-aktar wieħed li deher imlaħħaq.

"X'ġej?" qalli. "Ma tafx għaliex qegħdin hawn? It-tfal raw lil sħabek jisirqu kibx ta' dan ir-raġel, u jdaħħluh hawn ġew."

X'pudina din illum. Jekk Deguara jiftaħ ħalqu żgur sa jispiċċa f'għawġ kbir, daqs kemm hu tuba. Imħatra jitfa' l-ġebla fuq siequ u jdaħħalni f'xi ġażiba wkoll. Tajtu ħarsa biċ-ċiera, dan intebaħ, bela' lsienu u bilkemm tniffes. Stħajjiltu statwa tal-ġibs.

"Agħtina ftit ħin, żgur li hawn xi tgerfixa żgħira xi mkien," weġibt lill-imleħħaq bil-kalma kollha. "Araw waħda fejn qiegħed Żarenu Abdilla, forsi jaf sewwasew x'inqala'."

Lil Abdilla sabuh fil-kamra ta' l-għodda, qiegħed isewwi tajer ta' rota. Minkejja dik iż-żiffa ħelwa ta' l-għoljiet, l-għaraq xorta ttanta jxoqq għalija. Ma tridx tkun għaref wisq biex tinduna li waqt ir-Ramadan m'għandikx ixxellef difrejk mal-ħaqq. Mhux biżżejjed ikunu nkazzati, xi jridu dawn, lil xi ċuċ Malti jittantahom? Hawnhekk il-piena mhux xi xahrejn ħabs sospiżi imma jaf joħroġlek xi xafra u malajr jaħsadlek xi id biha, ħalli tagħmel għomrok titfakar sabiex darb'oħra ma tmissx dak li mhux tiegħek.

"Dak Abdilla ġej?" għajjatt jien, biex nidher ftit inkorlat.

Abdilla wasal, ħa b'idejn l-uffiċjal tal-pulizija, u mill-ewwel intalab jgħid x'ġara. "Għax ħa ngħidlek, konna qegħdin barra u rajna dan il-muntun mitluf għal rieħu, jagħqad 'l hawn u 'l hemm, jissogra li jaqla' xi daqqa ta' karozza. Imbagħad x'tagħmel jekk ikun mejjet u ma jkunx skarnat? Jagħqadlu demmu, jiswiedlu laħmu u tarmih ikollok. Allura rbatnieh b'biċċa ħabel minn għonqu u żammejnieh hawn sakemm jiġi sidu għalih. U issa ġie. Ejja ħa tieħdu ħa, hemm qiegħed fil-gallinar."

Ir-raġel tat-tgeżwira mar fil-bitħa, fetaħ il-gallinar u wara ħareġ 'il barra,

jiġbed il-kibx warajh, u miegħu ħarġu t-tfal. Barra deher li kienu nġabru n-nies, lesti biex iħaġġruna waħda sew.

"Żomm waħda sieħeb, fejn sejjer?" kompla Abdilla, "Aħna f'Malta għandna d-drawwa li min isib xi ħaġa mitlufa, dan irid jingħata rigal żgħir mingħand is-sid. Xi ħaġa tal-flus, jew xi ħlewwa ... naħseb li hekk titlob l-irġulija."

Dan Abdilla jivvintahom. Kemm għandu wiċċu joqgħodlu. Pulizija minnhom reġa' għajjat lil sid il-kibx u qallu b'kollox. Sadanittant, daħħalt lill-uffiċjal fil-kċina, u filwaqt li offrejtlu kapuċċino, mingħajr biskuttelli minħabba r-Ramadan, bdejt inniżżel l-ismijiet ta' sħabi l-Maltin kollha li kienu jgħixu hemm f'dan il-qasam.

Għaddew sagħtejn u wasal sid il-kibx b'qolla għasel u bixkilla berquq imnixxef biex jagħtiha lil Abdilla. Raddlu ħajr, u telaq bi kwietu lil hemm.

"Ara taħseb li emmintu lil sieħbek," qalli l-uffiċjal. "Lanqas f'mitt sena ma niblagħha dik il-ħrafa. Imma naf fis-sew li jekk nagħmlu l-ħaqq magħkom, tispiċċaw biex ikollkom titilqu kollha minn hawn, u malajr jafu jiġu xi qabda Amerikani minflok. Aħjar il-kelb li taf milli dak li ma tafx. Amerikani qrib Mekka baqa' jiġu. Ma tarax!"

Xtarrejt kliemu u bil-ħlewwa għidtlu:

"Bilħaqq, hemm drawwa oħra Maltija, li forsi ma tafx biha. Stennini ftit hawn," filwaqt li ħrabt malajr sal-kamra nġib flixkun wiski tal-litru li xtrajt minn fuq l-ajruplan.

"Il-Għid il-Ftir it-tajjeb. Dan tal-kedda bla ħsieb li ħadt. Jaħarsa, qgħadt tinqala' minn Taif għalxejn," komplejt waqt li tajtu l-flixkun imgeżwer sew bil-karti tal-gazzetti.

Ġabru, sellimli u mingħajr ma lissen kelma jew imqar ħadli b'idi telaq 'il barra, sab lil sħabu jistennewh u fil-pront saquh lil minn fejn ġew.

# Qaddis Ġdid

Maurice Mifsud Bonnici

Ftit wara l-ewwel nofs tas-snin sittin tas-seklu li għadda, San Pawl tat-Tarġa kien post li kien għadu mgħammar bi ftit bini antik li fih mhux żgur kienu jgħixu ħmistax-il familja. Dawn kienu miġbura l-aktar fid-djar qrib il-kappella ħelwa ta' dal-lokal, iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl, bl-istatwa ta' dan l-appostlu, tant maħbub mill-Maltin, imwaqqfa maestożament fuq iz-zuntier il-baxx ta' dil-kappella. Mill-bqija, il-post kien għadu lokal verġni, kif Alla ħalqu, ħlief għal żewġ barrieri fin-naħa t'isfel li kienu jniġġsu l-ambjent madwarhom bit-trabijiet li kienu jtajru, u bil-furnelli li kienu jisplodu biex jaqtgħu l-blat żonqri u samm ta' dal-post, u jdawruh fi żrar ta' kull daqs tant meħtieġ għall-konkos.

F'dil-ġenna ta' l-art mar jistrieħ, dawk iż-żminijiet, il-Markiż John Scicluna, bniedem magħruf għall-ġenerożità u t-tjubija tiegħu. Sinjur magħluq fih innifsu, bniedem tar-ruħ, filantropu, speċjalment ma' l-ordnijiet reliġjużi, u ħwejjeġ tal-Knisja. Mar joqgħod f'dar arjuża tefgħa ta' ġebla bogħod mill-kappella.

Ftit ġranet wara li wasal kien qiegħed quddiem id-dar tiegħu jitpaxxa bil-kwiet u bil-veduta, jimla l-pulmuni b'dik l-arja safja ta' l-għelieqi quddiemu, meta waqfet titkellem miegħu Tereża Xuereb, mara dħulija li kienet minn ħafna snin qabel, u għadha sa llum, tgħix f'dar żgħira mal-ġenb fuq ix-xellug tal-kappella. Tereża ntebħet li dan is-sinjur kien ġdid għall-post, u li għalhekk sar ġar ġdid tagħha.

Malajr għamlu ħbieb wara li hi introduċiet ruħha miegħu, u wara li ħadet minn fommu li hu mar joqgħod hemm għall-kwiet. Tereża għarfet li hu tat-tajjeb. L-imġiba tiegħu din kienet turiha. Barra minn hekk waqt il-

konversazzjoni talabha tgħidlu jekk tafx b'xi żewġt irġiel afdati tajjeb li hu xtaq jimpjega miegħu bħala għassiesa, wieħed għal filgħodu u l-ieħor għal billejl. Hi rrakkomandatlu lil Pietru u lil ħuh Peppi li kienu wkoll minn San Pawl tat-Tarġa, u magħrufa sewwa minn Tereża.

Minħabba li fit-taħdita dan is-sinjur baqa' ma qalx min hu, Tereża għelbitha l-kurżità u staqsietu b'nofs daħka:

"Sinjur, x'nibdew insejħulek aħna ta' dar-raħal żgħir li fih inti ġejt tgħix magħna?"

"Jien, Tereża, jisimni l-Markiż Scicluna," weġibha b'umiltà kbira das-sinjur.

"Eh tajjeb Sur Markiż," ħatfitu fil-kelma Tereża. "Tgħidx kieku tgħaddilniex kelma biex il-kappella tagħna, li ilha snin magħluqa, terġa' tinfetaħ u jagħmlulna fiha quddiesa nhar ta' Ħadd għalina u għalik?"

Il-Markiż urieha li kien sejjer jgħinha.

"Għax Sur Markiż ħa ngħidlek, mhux sewwa li dil-kappella tagħna qegħdin issa jużawha biex jiżbgħu fiha l-armar tal-festa tal-Bambina!" kompliet tgħidlu Tereża biex żgur tieħu mingħandu dak li talbitu.

Infatti l-Markiż wegħedha li malli jidħol ġewwa kien sa jċempel lill-Arċipriet tan-Naxxar, li hu kien jaf sewwa minħabba li n-Naxxar il-Markiż kellu palazz tiegħu, u fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar kien għamel bosta benefikati.

Waqt li Tereża kienet sejra bil-lajma lura lejn darha, tieqaf titkellem ma' kull min iltaqgħet fit-triq, kienet għadha lanqas laħqet il-bieb ta' barra tagħha li ma ratx lill-Arċipriet Said nieżel lejn id-dar tal-Markiż.

"Il-Markiż ta' kelmtu!" qalet f'qalbha Tereża.

Fuq kikkra te u gallettini, il-Markiż kixef ma' l-Arċipriet dak li sema' mingħand Tereża, u wera x'kellu f'moħħu fuq il-kappella ta' San Pawl tat-Tarġa. Wegħdu li jgħinu finanzjarjament biex jagħti ħajja lil dil-kappella għal snin abbandunata. Wiegħdu li joħloq fondi għal żewġ quddisiet nhar ta' Ħadd, u oħra għall-ewwel Ġimgħa tax-xahar, kif ukoll xi quddiesa bl-Ingliż. Rigward it-tagħmir tal-kappella minn ġewwa, u xogħlijiet minn barra, it-tnejn ftehmu li jiltaqgħu l-għada wara nofsinhar fil-kappella biex flimkien jaraw x'kien hemm bżonn isir.

Maż-żmien, barra miż-żewġ quddisiet tal-Ħadd u dik ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, żdiedet dik tas-Sibt filgħaxija li tagħmel tajjeb għall-quddies tal-Ħadd. Ġie Ġiżwita ħabrieki li barra l-quddiesa tas-Sibt filgħaxija beda jqaddes quddiesa filgħaxija nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa.

Nhar ta' Sibt filgħaxija l-kappella ta' San Pawl Tat-Tarġa tkun dejjem mimlija daqs bajda bin-nies tal-lokal, u oħrajn li jiġu għaliha minn barra r-raħal.

F'waħda minn dawn il-quddisiet tas-Sibt filgħaxija, man-nies li jattendu bi ħġarhom ħass li għandu dritt jidħol fil-kappella werżieq ta' billejl, jew aħjar grillu. Waqt il-quddiesa meta n-nies bdew jgħannu l-innijiet, dan beda jżarżar l-innijiet tiegħu li għallmu l-Mulej. Tant kien ħerqan fiż-żarżir tiegħu lejn il-Mulej, li anki waqt l-elevazzjoni, meta l-fidili kienu siekta u miġbura fihom infushom jitolbu, u meta s-sinjur li jgħin il-quddiesa beda jċenċel il-ġnieġel li kien ukoll xtara darba l-Markiż, dal-grillu kompla biż-żarżir tiegħu jfaħħar lill-Mulej kif jaf hu. Anzi meta sema' ċ-ċenċil tal-ġnieġel, żied ir-ritmu taż-żarżir tiegħu. Dan iż-żarżir, ħiereġ mill-qalb ċkejkna tal-grillu, ġibed l-attenzjoni ta' kulħadd. Iż-żarżir tiegħu, għalkemm sinkopat u stunat għall-widna tal-fidili, ħa prominenza fuq l-għana intunata ta' dawk preżenti, waqt li kien jinħass li ġej minn kullimkien. Kulħadd beda jħares lejn l-art biex jipprova jarah, iżda hu kien imgeddes f'rokna fid-daħla tal-bieb tal-ġenb tax-xellug li ma tintużax ħlief biex jaħżnu fiha, wara purtiera tad-damask aħmar, it-tagħmir tal-kappella.

Pietru u Tessie, li jieħdu ħsieb il-kappella, bdew jinkwetaw ruħhom għal din id-distrazzjoni, iżda dak il-ħin ma setgħu jagħmlu xejn. Il-grillu ħass li ma kien qed jagħmel xejn ħażin. Kien qed jirringrazzja, kif jaf hu, lill-Mulej talli jipprovdilu t-tadam fir-raba' fil-viċin. Ħass ċertu ferħ f'qalbu għax iż-żarżir tiegħu kien talb ġenwin, u jekk il-fidili ħassew li għandhom jagħtu ġieħ lill-Mulej bil-kant tagħhom, hu ħass li għandu dritt jagħmel l-istess biż-żarżir tiegħu. Iżda ż-żarżir tal-grillu l-fidili ħassewh jistona fejn il-kant anġeliku tagħhom.

Ħassew li l-Mulej il-kant tagħhom biss kien qed jieħu gost jisma' u għalhekk, wara l-quddiesa, waqt li l-grillu baqa' jagħti ġieħ lill-Mulej meta l-fidili telqu lill-Mulej waħdu msakkar fit-tabernaklu, Pietru u Tessie u tnejn min-nies li baqgħu magħhom fil-kappella bdew ifittxu lill-povru grillu. Ressqu l-purtiera mal-ġenb tad-daħla tal-bieb ta' fuq ix-xellug. Neħħew min-nofs iż-żewġ ġinokkjaturi u s-siġġijiet tagħhom. Warrbu min-nofs it-tapit aħmar irrumblat tat-tiġijiet.

Issa l-grillu, li sema' dawn il-ħsejjes kollha madwaru waqaf iżarżar u kompla jitgeddes fir-rokna, għax Alla tah is-sens ta' biża', bħal ma ta lill-bnedmin, meta jkun ġej il-għawġ. U l-għawġ kien verament fil-qrib, għax erba' bnedmin kienu warajh minħabba li fehmu li hemm ma kienx postu.

Meta kixfuh u hu ra tmien saqajn resqin lejh, għalkemm kompla jitgeddes aktar fir-rokna ħass li ħajtu kienet fil-periklu. Żarżar tnejn bil-ħniena biex jgħidilhom li hu għandu dritt daqshom ifaħħar lill-Mulej biż-żarżir tiegħu, għax hu jkanta bħalhom ma kienx jaf. Iżda l-bnedmin lill-grillu ma fehmuhx. It-tmien żraben goffi baqgħu dejjem resqin lejh. Issa ma kienx il-ħin li jitlob għad-drittijiet tiegħu u minn qalbu ċ-ċkejkna żarżar talba ta' ħniena:

"Almenu ħalluni noħroġ minn hawn, la intom tqisu li dan hu post biss tagħkom. Ħalluni nerġa' mmur fl-għalqa faċċata biex nerġa' nkun ħieles."

Iżda diż-żarżira twila ta' ħniena, dawn il-fidili iktar ħassewha ttihom fastidju.

Issa t-tmien żraben kixfuh u ppruvaw jilħquh waqt li hu tant baqa' jitgeddes fir-rokna li bis-saqajn ta' wara beda tiela' mal-ħajt. Żarbun minnhom laqtu f'ġenb wieħed. Ħass weġgħa kbira u flok iżarżar issa beda jwerżaq. Iżda xorta l-fidili ma tawx widen. Żarbun ieħor ħadlu ż-żewġ saqajn ta' quddiem. L-uġigħ żdied u miegħu t-twerżiq. Iż-żraben ma qatgħux qalbhom u komplew jassaltawh. Fl-aħħar, wieħed minnhom laħqu sewwa u għaffiġlu rasu. Il-grillu waqaf iwerżaq, fetaħ ġwinħajh u waqaf jgħix.

Il-fidili ġabruh mill-art u b'wiċċ imqarras tefgħuh barra fuq iz-zuntier għall-irfis tal-fidili. Reġgħu daħħlu f'posthom l-affarijiet li ħarġu mid-daħla tal-bieb tax-xellug. Għattewhom bil-purtiera bħal qisu ma ġara xejn u telqu lejn darhom kuntenti u sodisfatti li taw is-servizz tagħhom lill-Mulej daqs kieku kienu Kruċjati tal-Medju Evu. Ftit irriflettew li b'għemilhom bla ħniena wettqu att moralment kriminali quddiem Alla, għax bil-ħruxija tagħhom taw martirju lil ħlejqa t'Alla talli bil-mezzi li Hu stess taha, kienet qed ittih ġieħ daqslikieku kienet bniedem.

U li kieku dal-grillu kien bniedem, bla l-ħtieġa tas-soltu postulatur, il-Knisja kienet tipproklamah, mhux Beatu, iżda mill-ewwel Qaddis, għax il-martirju tiegħu kien erojku, inekwivoku u komplet fir-rekwiżiti kollha tiegħu. Kieku l-grillu kien bniedem illum fil-kalendarju tal-qaddisin kien ikollna qaddis ġdid San Grillu, Martri.

# Bl-Irħis

Vince Vella

Malta

Malli Fajsal waqaf jimpala r-ramel ġol-karretta, is-Senegaliż li kien imissu jaħdem miegħu dakinhar daħal jiġri biha għal ġol-blokk ta' l-appartamenti.

Fajsal straħ fuq il-pala u ta daqqa t'għajn madwaru. Ma kienu qed jogħġbuh xejn kif kienu sejrin l-affarijiet. F'temp ta' ġimgħa, mit-tmienja tas-soltu, il-gaj ta' ħaddiema kien tela' għal mill-anqas għoxrin. Kien hemm Kurdi, Tuneżini, Senegaliżi u xi tliet Eġizzjani bħalu: kollha kemm huma immigranti illegali, lesti jagħmlu dak kollu li jiġi għal idejhom imbasta jwarrbu biżżejjed flus biex ikollhom biex jaqsmu bejn Malta u Sqallija.

L-għoxrin appartament fil-blokk fejn kienu qed jaħdmu kienu waslu fl-aħħar. Kull ma kien fadal kien it-tqegħid tal-madum u l-kmamar tal-banju. Bħalissa kienu għaddejjin bla nifs inaddfu l-kmamar qabel jifirxu t-torba u jdaħħlu r-ramel u l-madum għal-lest. Malli jlestu Fajsal kien ikollu jfittex biċċa xogħol oħra.

Kien xogħol ta' qsim id-dahar. Għall-anqas, kull meta kien jidħol fil-blokk, ir-raġel tal-karretta kien jaqta' xi ftit mis-sħana qalila tax-xemx sajfija. Fajsal mesaħ l-għaraq u r-ramel minn ma' ġbinu u xejjer riġlejh biex ifarfar ir-ramel minn bejn subgħajh. Kien jaħdem ħafi, b'riġlejh midfunin fir-ramel abjad.

Minn fejn kien qiegħed seta' jisma' l-imgħallem jiċċaċċra max-xufiera tat-trakkijiet. Fajsal aktar għokritu għajnu. Fit-tliet xhur li kien ilu jafu, kull meta kien jasal il-Ġimgħa wara nofsinhar u jibda riesaq il-ħin biex iħallashom,

l-imgħallem kien idendel geddum sa l-art; donnu li mal-flus tal-pagi kienet toħroġlu ruħu – ħallik li min jaf kemm kienet tiġih aktar bl-għoli li kieku kellu jqabbad ħaddiema Maltin. Għalhekk ma setax jifhem kif dakinhar kien il-Ġimgħa u l-imgħallem kien qed jidħaq u jiċċaċċra!

Fajsal beda jgħodd fuq subgħajh: tmien ħaddiema għal Ġimgħa sħiħa, imbagħad, iġbed ħa, tnax oħra għal tlett ijiem, kienu jagħmlu somma ġmielha. Reġa' xejjer rasu. Ma kienet qed togħġbu xejn – xejn.

Hekk kif lemaħ lil Kablan ħiereġ mill-blokk dar u reġa' beda jimpala r-ramel. Kablan, Tuneżin ta' Gabes, kien raġel m'ogħla hawn. L-imgħallem kien poġġieh fuq il-ħaddiema l-oħra biex ikun jista' jfehemhom xi jrid minnhom u jara li ma jitlajjawx. Kien jgħaddi l-jum sħiħ jiġri warajhom, jaħlef u joffendihom bl-Għarbi biex idaħħaq lix-xufiera.

Fajsal kompla jimpala r-ramel ġol-karretta u xi kultant jixħet xi ħarsa minn taħt lejn it-Tuneżin u l-imgħallem li kienu bilwieqfa fid-dell jitkellmu minn taħt l-ilsien. L-imgħallem ta daqqa t'għajn lejn l-arloġġ u xejjer rasu. Fajsal qatagħha li kienu xi t-tlieta u nofs – kien fadal aktar minn siegħa biex jieqfu minn idejhom. Kablan għolla ħarira spallejh u telaq biex jara l-ħaddiema fiex kienu waslu, ikaxkar riġlejh donnu xi ors imħeddel bis-sħana tax-xemx.

Ma kinetx għaddiet nofs siegħa li Fajsal ma semax xi għajat ġej min-naħa ta' wara tal-blokk. Is-Senegaliż li kellu miegħu għolla rasu maħsud. Wara ftit feġġ Kablan, ixejjer dirgħajh u jgħajjat kemm jiflaħ li kienet intlemħet il-pulizija.

Harbu. Qabżu l-ħitan tas-sejjieħ u rħewlha jiġru b'kemm kellhom ħila qalb l-għelieqi battala ħlief għal xi ħaxix niexef u siġar tal-bajtar. Taħt riġlejh Fajsal ħass il-ħamrija tikwi u t-tingiż tax-xewk u l-ġebel irqiq. Il-qorq kien ħallieh warajh. Kompla jiġri sakemm il-blokk appartamenti ma baqax jidher aktar.

Fajsal mxieha sa Buġibba fejn kien jaqsam żewġ kmamar ma' ħamest irġiel oħra. Inxteħet fuq is-saqqijiet li kien hemm mifruxa ma' l-art. Ħassu għajjien u bla ħeġġa ta' xejn. Ġimgħa xogħol mormija mar-riħ! La hu u lanqas ħadd minn dawk li kienu jaħdmu miegħu ma kienu jaslu biex jerġgħu jmorru lura lejn dak il-blokk appartamenti. Tgħid minnu li l-pulizija kienu rrejdjaw il-blokk? Min jaf? Mhux l-ewwel darba li Fajsal kien sema' b'bużullotti bħal dawn. Kien x'kien, ma seta' jagħmel xejn. Iżda forsi l-aktar li tatu ġewwa kienet li kellu jkun proprju wieħed minnhom, imsejken daqshom, li kompla ma' l-imgħallem biex jagħmlilhom azzjoni bħal dik.

Fajsal dar gozz fuq ġenbejh u tgħatta rasu b'kollox bil-liżar.

# Fejn Hemm il-Beraħ

Trevor Żahra

Waqt li l-arloġġ tat-taraġ igerbeb is-sekondi minn indana għal oħra; waqt li fuq in-nar il-borma ttektek minestra eterna; waqt li xiħ idur ġos-siġġu tar-roti minn kamra għal oħra u jonqox zokklu brix mad-dar kollha ... l-għasafar ibbalzmati jittawlu minn wara l-ħġieġ tal-vetrina u jgħixu ri-inkarnazzjoni ta' ħolm.

Ta' kuljum ix-xiħ iwaqqaf is-siġġu tar-roti biswithom u waqt li jgerrem ċikkulata *whole nut,* joqgħod idawwar u jtenni jdawwar il-pellikola mqarqċa ta' filmat qadim: dura ġo nofs ix-xagħri, raġġi ta' xemx lubiena, kewkba waħdiena titnikker fuq ix-xefaq, bebbux ġol-katakombi tas-sejjieħ, berwieq imsoqqi b'lejl *eau de cologne* ... u x-xiħ-żagħżugħ ippetrifikat mad-dura jżebbeġ u jgħarrex u jwaqqaf widnejh. Jisma' t-tpespis u z-zekzik u t-tfesdiq ġej mill-ħarrub u ż-żnuber u l-qasab tal-wied. Fuq ħaddejh iħoss iċ-ċaqliq ta' żiffa ħafifa tfewweġ. U minnufih jilmaħha riesqa lejh b'dirgħajha miftuħin. Ġejja tintelaq fi ħdanu għax ġa fehmet li ħadd ma jħobbha daqsu. Ħadd ħliefu ma seta' jagħtiha r-rigal uniku li ħolmilha.

F'salt id-dura titriegħed. Il-bebbux jogħdos ġod-dagħbien tal-katakombi u jistaħba taħt l-agape. Ix-xemx tiġbed ħajbura fuq ħaddejha u l-kewkba waħdanija tisfuma ġod-daħna tad-dura. F'salt wieħed ix-xiħ-żagħżugħ jieħu l-ħajja. Joħroġ mid-dura u jerħilha jgħarrex qalb l-irqajja' ta' blat u ħuxlief. Raha nieżla lejh tinqaleb ħelu ħelu bħal manna fid-deżert. Jaf fejn għandu jfittixha. Jilmaħ il-berwieq imċappas b' *eau de cologne* ġdid ... u jsibha! Jerfagħha bil-ħlewwa, imellsilha r-rix leqqien u jsaħħan is-sirda ta' subgħajh

mat-tbaqbiq ta' demmha. U qabel ma jżerżaqha fil-barżakka jbusha ħafif fuq il-pinen u jwegħidha l-ħajja ta' dejjem.

Imbagħad fil-kamra ta' fuq il-bejt jibda r-ritwal: mill-oqbra u l-armarjijiet joħorġu l-qaddejja ta' Osiris bil-ġarar ta' l-ingwent u s-sodju tal-karbonju. Jibda t-tiċrit tal-ħawsla, il-ġbid ta' l-imsaren u l-qalb u l-għadam, il-qafas tal-ġibs u l-għajnejn tal-ħġieġ u minnufih tasal il-perċa vverniċjata u l-blata tas-sufri u l-kuċċarda ssib ruħha ġol-vetrina tas-salott tisma' l-arloġġ tat-taraġ jilgħab bis-sekondi u l-borma tonħor fuq in-nar. Hemm tiltaqa' mal-barbaġann u l-kwakka, l-ispanjulett u l-bies, il-garnija u l-venewwa. Kollha siekta jħarsu lejn xagħri ċċangjat bil-madum, fejn il-berwieq kiber f'għamla ta' pultruni tal-bellus u l-ħarruba mmutilat f'sottospekkju. Li kieku tħallew jitherrew taħt is-sies, bil-mod il-mod ruħhom kienet tinżel togħdos ġol-ħamrija, tidħol ġo l-għeruq u tinbidel f'fidloqqom, sagħtar u silla u mżiewet tal-ħarrub. U fl-eqqel t'Awwissu ssir għasel u ġulepp. Imma x-xiħ żagħżugħ kien wegħidhom ħajja ġdida u ruħhom ma sabitx mistrieħ.

It-tektik insistenti ta' l-arloġġ tat-taraġ, nessiehom ir-riħa tal-beraħ u t-tħaxwixa tax-xagħri u rnexxielu jwemminhom li l-vetrina kienet darhom sa mill-bidu tal-bidu u s-salott kien arthom. U huma jżebbġu għajnejhom lejh u jemmnu kull ma jgħidilhom. U meta ta' kull għodwa x-xiħ iqatta' s-sigħat jiċċassa lejhom u jqarmeċ il-*whole nut*, huma jitbissmulu u jbierku xortihom.

Imma bil-lejl, meta x-xemx tinħeba wara l-kontraporti u l-borma tiskot, kienu joħolmu ħolm miġnun. Dejjem l-istess ħolma: xi mkien bogħod mill-pultruni u s-sottospekkju xi mkien mimli ħdura u riħ u lewn blu ma jispiċċa qatt. Imma l-ħolma kienet dejjem titħallat ma' rwejjaħ ta' ingwent u s-sodju tal-karbonju u f'salt wieħed titfaċċa mill-ġdid il-vetrina u s-salott.

Ftit ilu l-Iblah ħareġ b'waħda ġdida. L-Iblah dejjem joħroġ b'xi ħaġa ġdida u bis-saħħa tiegħu, bosta drabi fil-vetrina jkun hemm arja ta' festa. L-Iblah kien l-iġded wieħed minnhom ilkoll. Il-barbaġann dejjem jiftaħar li huwa l-eqdem; u l-kwakka u l-venewwa xejn inqas minnu. Imma lill-Iblah dejjem ifakkruh li hu l-aħħar wieħed, 'l isfelnett fil-ġerarkija u kien għadu ma jaf xejn. U meta jibda jirrakkonta ħafna ġrajjiet strambi u sħabu jixluh li qed iħarref, l-Iblah kien dejjem jiddefendi ruħu bl-istess frażi: "Jien għadni niftakar!"

Issa qed jgħid li ħolom bix-xiħ. "Rajtu għadu fuq tiegħu, wieqaf fuq żewġ saqajn iżebbeġ għajnejh lejja. Jiena rajtu daqs nitfa għax kont xi mkien 'il fuq 'il fuq. Imbagħad smajt ħoss qawwi u weġgħa kbira ġo nofs sidri. Bdejt riesaq b'ħeffa kbira lejn ix-xiħ. Kont naf li kien hu li weġġagħni."

Il-ħġieġ tal-vetrina triegħed bid-daħk tal-barbaġann u l-kwakka u l-bqija. "Iblah! Iblah!" bdew jgħidulu lkoll flimkien. "Iblah!" tenna l-arloġġ tat-

taraġ!" "Kif qatt seta' weġġagħna x-xiħ?" tmasħan il-barbaġann. "Ma tarahx jitgħaxxaq bina! Ma tarahx jitbissmilna u jqatta' s-sigħat imsaħħar wara ġmielna?"

Imma d-daħk ta' sħabu ma swielu ta' xejn. Wara ftit l-Iblah reġa' żied il-bluha. Mill-ventilatur tas-salott instama' ġej ħoss mhux tas-soltu; bħal twerżiq irqiq.

"Lil dawk nafhom," qabeż qalilhom l-Iblah bla ma ħasibha darbtejn. "Jien darba kont naf nagħmel bħalhom! Kont naf nagħmel ħoss jixbah lil dak ... imma isbaħ." U għalxejn daħku u żżuffjettaw, għalxejn l-arloġġ tat-taraġ heżżeż snienu, l-Iblah baqa' jtenni l-istess bluha.

Imma darba waħda mit-taraġ instama' ġej ħoss ta' taptip eħfef mit-tektik ta' l-arloġġ, imma mimli tferfir u tperpir u ħabta u sabta ġos-salott daħal għasfur lewn il-prinjol. Beda jittajjar minn naħa għal oħra tal-kamra, u meta fil-vetrina lemaħ il-barbaġann, il-bies u l-ispanjulett, aktar beda jistabat mal-ħġieġ tat-tieqa u jifrex ġwenħajh. L-Iblah iċċassa lejh u f'daqqa waħda nfexx f'litanija ta' ġenn:

"Wasal! Wasal ħija, missieri, ibni ... mill-ħajja l-oħra tal-beraħ. Flimkien konna nintelqu ġol-lewn ikħal fejn hemm ħafna dawl u żiffa friska. Flimkien konna ngħannu b'ħilitna kollha sa ma d-dawl inin u l-ikħal jinħeba. Imbagħad tfaċċa x-xiħ u seraqli kollox. Rabatni. Qafilni. Nessieni!"

Minn dak il-jum, għall-Iblah bdiet il-ħarifa. Ir-rix beda jaqagħlu bil-ħeffa gzuz gzuz u hu tgeddes fuq il-perċa u ma ried jaf b'xejn aktar. Ix-xiħ kien jersaq iżaqżaq is-siġġu tar-roti, iħares lejh u jkemmex ġbinu. Għodwa waħda, wara li x-xiħ qarmeċ l-aħħar gidma *whole-nut*, tawwal driegħu lejn iċ-ċavetta tal-vertrina, fetaħ il-bieba u b'idejh jirtogħdu ġibed lill-Iblah 'il barra.

L-arloġġ tat-taraġ baqa' jtektek u l-borma baqgħet tfawwar, imma l-Iblah sabu ruħu mitluq fil-ġardina taħt il-lumija. Xamm ir-riħa tal-ħubbejża u ħass is-sirda tan-nida. Issa joqgħod hemm jistenna l-grigal u l-ġlata, jistenna s-sirġa ta' nofs Awwissu u ċ-ċlampu ta' Frar, sa ma bil-mod il-mod jibda jogħdos lejn għerq il-lumija u xi darba jsir żahar. Imbagħad ruħu tistrieħ. U forsi xi darba xi mkien joħlom ħolma stramba b'vetrina tal-ħġieġ u pultruni tal-bellus. B'saqajn li ma jimxux u ġwienaħ li ma jtirux. U b'arloġġ li jaf biss igerbeb is-sekondi minn indana għal oħra ta' taraġ.

# TRADUZZJONIJIET

# L-Apostata[1]

## jew moħħ imħarbat

Albert Camus

maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina

"X'balbuljata! X'balbuljata! Jeħtieġli nqiegħed rasi f'postha. Mindu qatgħuli lsieni barra, ma nafx, ilsien ieħor itaqtaq bla waqfien fil-qorriegħa ta' rasi, xi ħaġa tlablab, jew xi ħadd li jiskot f'daqqa u mbagħad jibda mill-ġdid oh! Kemm nisma' xorti li ma nkunx għedt b'danakollu, x'balbuljata, u jekk niftaħ ħalqi joħroġ bħal ħoss ta' ċagħak jitgerbeb. Ordni, regola, jgħid l-ilsien, u jtaqtaq fuq ħaġ'oħra fl-istess ħin, iva jien minn dejjem xtaqtu l-ordni. Almenu jien żgur minn ħaġa waħda, qiegħed hawn nistenna lill-missjunarju li għandu jiġi jibdilni. Qiegħed hawn lest għalih, siegħa bogħod minn Tagħâsa, moħbi qalb il-blat imwaqqa', bilqiegħda fuq l-ixkubetta l-qadima. Il-jum qiegħed jisbaħ fuq id-deżert, il-kesħa għadha ma battietx, ftit ieħor u tagħmel sħana esaġerata, din l-art iġġennen in-nies u jien, dawn is-snin kollha li m'għadnix inżomm amment tagħhom ... Le, ftit ta' sforz ieħor! Il-missjunarju għandu jasal dalgħodu, jew illejla. Smajthom jgħidu li kellu jiġi ma' gwida, jista' jagħti l-każ li jkollhom ġemel wieħed bejn tnejn. Jien sa nistenna, sa noqgħod nistenna, il-bard, il-bard biss qed iġegħelni nitriegħed. Ħu paċenzja ftit ieħor ja skjav maħmuġ l'int!

"Daqs kemm ilni nieħu paċenzja. Meta kont f'dari, fuq dik il-pjanura fil-għoli tal-Massif Central, missieri rozz, ommi ta' stonku, l-inbid, is-soppa tal-majjal kuljum, l-aktar l-inbid, qares u kiesaħ, u x-xitwa ma tispiċċa qatt, ir-riħ jobrom u nġazzat, l-ibraġ bis-silġ li jinġema', il-felċi jqallgħuk, eħ!

1 Din in-novella hija t-tieni waħda fil-ġabra *Turufnament u Saltna* ta' Albert Camus. Lewwel waħda, "Il-Mara Midinba", tradotta wkoll minn Toni Aquilina, dehret f'ħarġa LXXVI ta' *Il-Malti*, 2005.

Ridt nitlaq, inħallihom warajja f'kolp wieħed u sa fl-aħħar nibda ngħix, għax-xemx, fejn l-ilma huwa ċar u nadif. Lill-kappillan emmintu, kien ikellimni fuq is-seminarju, jieħu ħsiebi kuljum, ħin kellu f'dik l-art Protestanta li fiha kien jgħaddi jħokk mal-ħitan x'ħin jiġi biex jaqsam ir-raħal. Kien ikellimni fuq il-ġejjieni u fuq ix-xemx, kien jgħid, il-Kattoliċiżmu huwa x-xemx, u jġegħelni naqra, deffisli ġo din ir-ras iebsa l-Latin: 'Intelliġenti daż-żgħir, imma rasu taż-żonqor', fil-fatt il-qurriegħa ta' rasi kienet tant iebsa li f'ħajti kollha, minkejja ħafna waqgħat, qatt ma ħariġli qatra demm minnha: 'Ras ta' baqra', kien jgħid dak il-ħanżir missieri. Fis-seminarju tgħidx kemm kienu kburin bija, rekluta minn art il-Protestanti kienet tfisser rebħa, il-wasla tiegħi rawha bħax-xemx t'Awsterlitz. Fjakka x-xemx, tabilħaqq, minħabba l-alkoħol, inbid qares xorbu u snien uliedhom imħassrin, *râ râ* joqtol lil missieru, dak kien messu għamel, iżda fil-fatt periklu m'hemmx, ħallih jagħtiha għall-missjoni, ladarba ilu daqshekk mejjet, l-inbid maqtugħ spiċċa biex taqqablu l-istonku, mela issa baqa' biss li jinqatel il-missjunarju.

"Jien għandi kont x'nagħlaq, miegħu u mas-sidien tiegħu li qarrqu bija, ma' dik l-imġiddma Ewropa, kulħadd ingannani. Tal-missjoni ħlief din il-kelma ma kellhomx fuq fommhom, li mmorru qalb is-slavaġ u ngħidulhom: 'Hawn hu Sidi l-Mulej, ħarsu lejh, la qatt jaħqar, lanqas joqtol, jamar b'leħen ħelu, idawwar wiċċu n-naħa l-oħra, hu l-aqwa sid li jista' jkollkom, lilu agħżlu, araw kemm tejjibni lili, żebilħuni u taraw kif ikollkom prova ta' dan.' Iva, jien emmint *râ râ* u ħassejtni aħjar, ħxint, biex ma ngħidx sbiħt, ridt min iżeblaħni. Meta konna noħorġu nagħmlu mixja mgeddsin f'ringieli suwed, fis-sajf, taħt ix-xemx ta' Grenoble, u niltaqgħu mat-tfajliet bi lbies ħafif fuqhom, ma kontx indawwar ħarsti lejhom jien, kont niddisprezzahom, nistenniehom iżebilħuni u huma ximindaqqiet kienu jinfaqgħu jidħku. Allura kont naħseb: 'Mhux li kellhom isawtuni u jobżquli f'wiċċi', iżda, id-daħk tagħhom, imlanżat bis-snien u bix-xewk li bihom kienu jqattgħuni biċċiet, fil-fatt daqslikieku, għasel kienu jinżluli ż-żeblih u t-tbatija! Il-konfessur tiegħi ma kienx jifhimni x'ħin kont nixli lili nnifsi qatta bla ħabel: 'U le, fik hemm it-tajjeb!' It-tajjeb, eh! Inbid qares kelli ġo fija, dak kollu, u tant l-aħjar, inkella kif issir aħjar milli tkun jekk ma tkunx ħażin, din ħaġa li jien fhimt tajjeb ħafna f'kulma kienu jgħallmuni. Biex ma ngħidx l-unika ħaġa li fhimt, ħsieb ewlieni li bir-ras iebsa u d-dehen tiegħi kont sa nibqa' sejjer bih sa fejn jasal, neċċella fil-penitenzi, inżomm lura mill-ikel tas-soltu, insomma, ridt inkun ta' eżempju, jien ukoll, sabiex nolqot l-għajn, u malli jarawni jweġġħu lil dak li kien saħħaħni, isellmu permezz tiegħi lil sidi l-Mulej.

"X'xemx kiefra dik! Telgħa, id-deżert qed jinbidel, m'għadx għandu lewn

iċ-ċiklamina tal-muntanji - oh! muntanjieti, u l-borra, ħlewwa ta' borra ratba – le, lewnu safrani jagħti ftit fil-griż, f'dik is-siegħa kerha qabel tinfexx tiddi bil-qawwa kollha tagħha. Xejn, xejn għadu ma jidher sax-xefaq, quddiemi, hemm isfel fejn il-pjanura tgħib ġo ċirku ta' lwien għadhom merħija. Warajja, il-mogħdija tibqa' tielgħa sad-duna li taħbi Tagħâsa, b'dak l-isem tal-ħadid li għandha, itambar ġewwa rasi dawn is-snin kollha. L-ewwel ma kellimni dwarha kien il-qassis xwejjaħ nofsu agħmi li kien irtirat ġewwa l-kunvent, imma għax qed ngħid l-ewwel, hu kien l-uniku wieħed, u lili mhux belt il-melħ, bil-ħitan bojod f'xemx taqli li laqtitni fir-rakkont tiegħu, le, iżda l-kefrija tas-slavaġ li jgħammru fiha, u bil-belt magħluqa għall-barranin kollha, wieħed biss, sa fejn jaf hu, irnexxielu jirrakkonta dak li kien ra. Kienu tawh xebgħa frosta u keċċewh fid-deżert wara li qegħdulu l-melħ fuq il-ġrieħi li kellu u ġewwa ħalqu, iltaqa' man-nomadi li għal darba, b'xorti tajba, urew ħniena, u jien, minn dakinhar, ma waqaftx noħlom fuq ir-rakkont tiegħu, fuq il-ħruq li jġibu l-melħ u s-sema, fuq dar il-fetiċċ u l-iskjavi li kellu; setax wieħed isib ħaġa aktar salvaġġa minn hekk, aktar eċċitanti, iva, hemmhekk kienet il-missjoni tiegħi, u ma stajtx ma mmurx nurihom min hu sidi l-Mulej.

"X'ma qalulix tas-seminarju biex jaqtgħuli qalbi u li kien għadu mhux il-waqt, li ma kenitx art missjunarja, li ma kontx matur, li kelli nħejji ruħi b'mod partikulari, niskopri lili nnifsi, u fuq kollox kien jeħtieġli nuri xi nsarraf, imbagħad wieħed jara! Imma tistenna bla hedu, le ħej! Iva, la riedu hekk, għat-taħriġ speċjali u t-testijiet la dawn kellhom isiru f'Alġeri u kienu jqarrbuni, iżda mill-bqija erħini nċaqlaq ir-ras iebsa li għandi u ntenni l-istess ħaġa, immur ma' l-aktar nies barbari u ngħix bħalhom, nurihom f'darhom stess, u saħansitra ġo dar il-fetiċċ, bl-eżempju li jkaxkar, li l-aktar b'saħħitha kienet il-verità ta' sidi l-Mulej. Kienu sa jżebilħuni, m'hemmx dubju, iżda ż-żeblih ma kienx ibeżżagħni, kien hemm bżonnu bħala turija, u bil-mod li bih kont lest inġerrgħu, jien kont sa negħleb dawk is-slavaġ bħal xemx setgħana. Setgħana, iva, dik hi l-kelma li bla hedu kienet tilgħab fuq ilsieni, jien kont noħlom b'setgħa assoluta, dik li ġġibek għarkubbtejk ma' l-art, li ġġiegħel lill-avversarju jċedi, insomma, tikkonvertih, u aktar ma l-avversarju jkun għami, kiefer, żgur minnu nnifsu, mgħaddas fil-fehma tiegħu, u aktar l-istqarrija tiegħu tħabbar in-nobbiltà ta' dak li jkun wassal għat-telfa tiegħu. Il-konverżjoni ta' nies ta' l-affari tagħhom li jkunu tilfu xi ftit it-triq, dan kien l-ideal bażwi tas-saċerdoti tagħna, kont nistmerrhom narahom b'daqstant setgħa u jażżardaw dik in-nitfa, huma ma kellhomx il-fidi u jiena kelli, jien ridt niġi irrikonoxxut mill-bojjiet innifishom, nixħethom għarkubbtejhom u nġegħelhom jgħidu:

'Sidi Mulej, hawn hi r-rebħa tiegħek', insomma, insaltan bis-saħħa tal-kelma waħedha fuq eżerċitu ta' nies ħżiena. Eħ! Jien kont ċert li sew qed nirraġuna fuq hekk, jien li qatt ma kont inkun ċert minni nnifsi fuq xejn, iżda darba ndaħħal ħsieb ġewwa rasi, b'xejn ma naqilgħu, dan il-forti tiegħi, iva, il-forti tiegħi li lkoll kienu jitħassru.

"Ix-xemx telgħet aktar 'il fuq, bdiet teħodni fuq ġbini. Il-ġebel madwari qed iċaqċaq b'ħoss mitfi, l-uniku frisk ġej mill-kanna ta' l-ixkubetta, friska bħall-mergħat, bħax-xita ta' filgħaxija, żmien ilu, x'ħin is-soppa kienet tkun ittektek fuq in-nar, b'missieri u ommi jistennewni, xi drabi jitbissmuli, min jaf kontx inħobbhom. Imma daqshekk, velu ta' għomma tiela' qajl qajl 'il fuq mill-mogħdija, ejja ja missjunarju, qiegħed nistenniek, issa naf x'jinħtieġ li tkun it-tweġiba għall-bxara, is-sidien ġodda tiegħi tawni l-lezzjoni u jien naf li għandhom raġun, hemm prezz x'jitħallas għall-imħabba. Meta ħrabt mis-seminarju, f'Alġeri, kont nistħajjilhom mod ieħor, dawk il-barbari, ħaġa waħda biss kienet vera fl-istħajjil tiegħi, li huma kattivi. Jien kont qbadt u ħadt il-kaxxa bil-flus mill-uffiċċju ta' l-ekonomu, inżajt is-suttana, qsamt l-Atlas, il-meded art fil-għoli u d-deżert, ix-xufier tat-Transsaħarjana ddieħak bija: 'Tirfisx 'l hemm isfel', anki hu, dan x'taħom kollha kemm huma, u l-mewġ ta' ramel għal mijiet ta' kilometri sħaħ, għaddej imqanfed 'il quddiem u lura taħt il-qilla tar-riħ, u mill-ġdid il-muntanja, kollha qċaċet suwed, xfar jaqtgħu daqs l-azzar, u warajha bil-gwida biex immur fuq il-baħar ta' ċagħak kannella ma jispiċċa qatt, iwaħwaħ bis-sħana, jaħraq bi lsna tan-nar telgħin minn elf mera, sa dak il-post, fruntiera bejn art is-suwed u pajjiż il-bojod, fejn hi mwaqqfa belt il-melħ. U l-flus li ġejt misruq mill-gwida, bħal babbu, ta' babbu li jien urejthomlu, iżda hu telaqni fil-mogħdija, xi mkien hawn, tabilħaqq, wara li ħabat għalija: 'Ja kelb, ara fejnha t-triq, qisha tiegħek, mur, mur hemm isfel, huma jqegħduk', u qegħduni tassew, iva ħej, għax huma bħax-xemx li ma tiqafx tballat, ħlief bil-lejl, b'herra u bi kburija, bħalma qiegħda tballat fuqi bħalissa b'saħħitha, iżżejjed b'saħħa, b'daqqiet ta' lanez jikwu, maħruġin f'salt wieħed mill-art, isa għall-kenn, mur għall-kenn iva, taħt il-blata l-kbira, qabel ma jitħawwad u jiċċajpar kollox.

"Hawn qiegħed tajjeb għad-dell. Kif jista' wieħed jgħix ġo belt il-melħ, fil-qiegħnett ta' dal-baċir tond mimli sħana bajda? Fuq kull wieħed mil-ħitan weqfin imbaqqnin fil-blat kif ġie ġie, ix-xquq li jħalli l-baqqun jitlanżat bi qxur jgħammxu l-għajnejn, b'ramel dehbi mferrex fuqhom li jagħtihom lewn xi ftit safrani, għajr f'dak il-ħin li fih ir-riħ inaddaf il-ħitan dritti u s-stuħ, kollox allura jleqq bi bjuda tleħħ daqs il-beraq, taħt sema mnaddaf huwa wkoll sa l-iskorċa

kaħlanija tiegħu. Kont nagħma, f'dawk il-jiem li fihom in-nar wieqaf għal kollox kien iċaqċaq għal sigħat sħaħ fuq wiċċ is-stuħ bojod li lkoll kienu jidhru magħqudin ħaġa waħda bħal donnu, ġurnata waħda żmien ilu, huma flimkien kienu ħabtu għal muntanja bil-melħ, l-ewwel m'għamlu ċċattjawha, imbagħad, ħaffru direttament fiha t-toroq, id-djar minn ġewwa, u t-twieqi, jew donnu, iva, aħjar ngħid, qattgħu ġo fiha l-infern tagħhom jikwi u bajdani b'aċitilena t'ilma jagħli, sempliċiment biex juru li huma kapaċi joqogħdu hemm fejn ħadd qatt ma seta', tletin jum bogħod minn kull ħajja, ġo dil-ħofra f'nofs id-deżert, fejn is-sħana fil-qalba tal-jum ma tippermetti ebda kuntatt bejn in-nies, tifridhom b'rixtelli ta' fjammi inviżibbli u kristalli jbaqbqu, fejn il-kesħa tal-lejl bla tranżizzjoni ta' xejn twebbishom wieħed wieħed fil-ġemmi ta' qoxrithom, residenti tal-lejl fuq medda silġ niexfa, Eskimi suwed jirtogħdu f'salt wieħed ġod-djariglù kubiċi tagħhom. Iva, suwed, għax lebsin ħwejjeġ twal tad-drapp iswed u l-melħ li jinfed saħansitra taħt difrejhom, li jomogħdu bi mrar waqt l-irqad fl-iljieli polari, il-melħ li jixorbu ma' l-ilma li jasal sa l-unika għajn fil-qiegħa ta' xaqq lelliex, xi drabi jħallilhom fuq ħwejjiġhom skuri għeliem li jixbhu l-marki li jħallu warajhom l-għekierex wara x-xita.

"Ix-xita, o sidi Mulej, xita ta' vera ma taqta' xejn, ħalba twila, bil-qliel, ix-xita mis-sema fejn qiegħed! Imbagħad sa fl-aħħar il-kruha ta' belt, naqra naqra titmermer minn ġewwa, kienet sa ċċedi u tisfaxxa bil-mod, bla ħadd ma jista' jżommha, biex imbagħad imdewba għal kollox f'wied mitjun iġġorr magħha lejn l-irmla n-nies li joqogħdu fiha. Xita ma taqta' xejn, sidi Mulej! Imma x'jiena ngħid, x'sidi Mulej hu, is-sidien huma! Huma jsaltnu fuq djarhom ħawlin, fuq l-iskjavi suwed tagħhom li joqtluhom bix-xogħol ġol-minjiera, għax kull waħda mill-blokki tal-melħ maqtugħin tiġi tiswa ħajja ta' bniedem fil-pajjiżi tan-Nofsinhar, huma jgħaddu siekta minn ġot-toroq miksijin bi bjuda minerali, mgħottijin b'velijiethom vistużi, u malli jidħol il-lejl, x'ħin il-belt kollha kemm hi tixbah ħares abjad ħalib, huma jidħlu rashom baxxuta, għad-dell tad-djar li fihom il-ħitan tal-melħ ileqqu b'dawl bati. Jorqdu b'ngħashom ħafif, u ma jilħqux jiftħu għajnejhom li ma jibdewx jamru, isawtu, jgħidu li m'humiex ħlief poplu wieħed, li l-veru alla huwa tagħhom, u li wieħed irid jobdi. Sjiedi huma, ma jafux x'inhi ħniena u ta' sidien li huma, iridu jibqgħu waħedhom, jimxu 'l quddiem waħedhom, isaltnu waħedhom, ladarba huma waħedhom kellhom stonku jibnu fil-melħ u fir-ramel belt inġazzata u tikwi. U jien ...

"X'balbuljata dik x'ħin titla' t-temperatura, ixoqq l-għaraq għalija, għalihom qatt, bħalissa anki l-arja fid-dell qiegħda tisħon, qed inħoss ix-xemx tisreġ fuq il-blat ta' fuq rasi, issammar, issammar bħal martell fuq il-blat kollu u erħilha

ħa ddoqq, iddoqq il-mużika bla limitu ta' nofsinhar, vibrazzjoni t'arja u ġebel fuq medda ta' mijiet ta' kilometri *rà* qiegħed nisma' s-skiet bħal ta' dari. Iva, l-istess skiet kien, snin ilu, li laqagħni x'ħin l-għassiesa ħaduni quddiemhom, fix-xemx, f'nofs il-misraħ, mnejn tarġa tarġa bil-mod jitilgħu f'garigor ta' terrazzi lejn il-għatu tas-sema ikħal nir li jistrieħ fuq it-truf tal-baċir. Hemm kont qiegħed jien, mixħut għarkubbtejja fit-tagħwira ta' dik it-tarka bajda, għajnejja mqartmin bis-sjuf kollhom melħ u nar ħerġin mill-ħitan kollha, abjad karti bil-għeja, widnejja ddemma' bid-daqqa li kont qlajt m'għand il-gwida waqt li huma, mogħl'hawn u suwed, kienu qed iħarsu lejja bla ma jlissnu kelma. Il-ġurnata kienet nofs triq. Taħt id-daqqiet bil-ħdejjed tax-xemx, is-sema kien jidwi fit-tul, folja landa msaħħna sal-punt li tarmi dawl abjad, kien hemm l-istess skiet u huma jħarsu lejja, għal ħin twil, ma xebgħux iħarsu lejja, u jien, ma flaħthiex il-ħarsa t'għajnejhom, kont qed nilheġ dejjem aktar bis-saħħa, sa ma fl-aħħar infqajt nibki, u huma ħabta u sabta tawni daharhom fis-skiet u telqu għalenija fl-istess direzzjoni. Għarkubbtejja kif kont, stajt naralhom biss, ġos-sandli aħmar u iswed, il-pali ta' saqajhom ileqqu bil-melħ huma u jgħollu l-libsa twila u skura ta' fuqhom, il-ponta ftit wieqfa, it-takkuna kemm kemm taħbat ma' l-art, u x'ħin tbattal il-misraħ, kaxkruni lejn dar il-fetiċċ.

"Kokka, kif qiegħed illum għar-rdoss tal-blata, u n-nar ta' fuq rasi jinfed il-ħxuna tal-ġebel, jien qattajt diversi ġranet bla ma nara d-dawl tax-xemx f'dar il-fetiċċ, daqsxejn aktar fil-għoli mill-oħrajn, imdawra b'ċint tal-melħ, iżda bla tieqa, mimlija bi dlam-il-lejl leqqien. Għaddew bosta jiem, u kienu jagħtuni skutella ilma salmastru u qarabocc mixħut quddiemi bl-istess mod li bih jitimgħu t-tiġieġ, kont niġbru mill-art. Matul il-jum il-bieb kien jibqa' magħluq u b'danakollu, id-dell kien jeħfief, ix-xemx li ma jżommha ħadd tinfed minn ġol-mases ta' melħ. Ebda lampa, iżda jien u miexi b'idejja quddiemi tul il-ħitan, kont immiss girlandi tal-palm niexef li kien hemm iżejnuhom u, fit-tarf 'il ġewwa, naqra ta' bieb, maqtugħ fil-ħajt kif ġie ġie, li stajt insiblu l-lukkett b'ponot subgħajja. Għaddew bosta jiem, ħafna żmien wara, la stajt ngħodd il-ġranet lanqas is-sigħat, iżda l-ponn qarabocc kienu xeħtuhuli madwar għaxar darbiet u jien kont ħaffirt toqba biex nagħmel ġo fiha li mbagħad għalxejn kont nerġa' ngħattiha, ir-riħa tinten tal-ħofra kienet tibqa' mdendla ma' l-arja, ħafna żmien wara, iva, il-bieb infetaħ beraħ u daħlu.

"Wieħed minnhom ġie lejja, fir-rokna fejn kont kokka. Kont qed inħoss il-melħ jaħraq nar ma' ħaddejja, nibla' man-nifs ir-riħa mutraba tal-palmi, inħares lejh huwa u jersaq. Waqaf metru 'l bogħod minni, iċċassa lejja fis-skiet, għamel sinjal u jien qomt, ħares fiss lejja b'dawk għajnejh metalliċi

jleqqu, bla espressjoni, f'wiċċu ta' żiemel, imbagħad għolla idu. Biered bħal qabel, ħatafni minn xoffti ta' taħt, baramha bil-mod sa ma ċarrat il-laħam u, bla ma reħa subgħajh, ġegħelni ndur fuqi nnifsi, kaxkarni b'lura saċ-ċentru tal-kamra, ġibidni minn xoffti sabiex naqa' għarkubbtejja, hemmhekk, mitluf, ħalqi jdemma', imbagħad dar biex jingħaqad lura ma' sħabu, imsarbtin matul il-ħitan. Qagħdu jħarsu lejja nokrob fid-dawl ma jiġġerragħx tal-jum mingħajr dell li kien dieħel mill-bieb miftuħ beraħ, u li fih dment tfaċċa s-saħħar xagħru tar-raffja, sidru mgħotti b'kurazza tal-perli, riġlejh mikxufin taħt dublett tat-tiben, liebes maskra tal-qasab u l-fildiferru b'żewġ fetħiet kwadri ġo fiha għal għajnejh. Warajh daħlu daqqaqa u nisa lebsin ħwejjeġ tqal bi lwien jgħajtu li ma taw l-ebda ħjiel tal-forma li kellu ġisimhom. Żifnu quddiem il-bieba tan-naħa ta' ġewwa, imma żifna bla grazzja, bilkemm fiha ritmu, qagħdu jiżżegilgu, dak kollox, sa ma fl-aħħar is-saħħar fetaħ il-bieba ċkejkna ta' wrajja, is-sidien ma tħarrkux, ħarsu lejja, jien dort u rajt lill-fetiċċ, wiċċu doppju ta' qaduma, imnieħru ħadida mgħawġa bħal serp.

"Ħaduni quddiemu, f'tarf il-pedestall, sqewni ilma sewdieni, morr fuq li morr, u minnufih ħassejt rasi taħraq, kont qiegħed nidħak, dak dnubi, għalih sfajt mirgħux jien. Neżżgħuni, qaxxruli rasi u ġismi, ħasluni biż-żejt, sawtuni fuq wiċċi bi ħbula mxarrbin f'ilma bil-melħ, u jien nidħak u ndawwar rasi iżda kull darba żewġ nisa jaqbduni minn widnejja u jdawruli wiċċi lura biex nilqa' d-daqqiet tas-saħħar li tiegħu kont qed nara biss għajnejh kwadri, u jien mimli demm bqajt sejjer nidħak. Waqfu, ħadd ma tkellem, ħliefi, il-griefex ġo rasi kien beda diġà, imbagħad reġgħu qajmuni u ġagħluni nħares 'il fuq lejn il-fetiċċ, jien aktar ma dħaktx. Kont naf li issa ruħi mirhuna lilu biex inservih, inweġġħu, le, jien aktar ma dħaktx, il-biża' u l-uġigħ kont qed inħosshom joħonquni. U hemm, f'dik id-dar bajda, bejn dawk il-ħitan li x-xemx taħraq b'tant dehwa minn barra, wiċċi miġbud, moħħi mifluġ, iva, jien ippruvajt nitolbu lill-fetiċċ, ma kien hemm ħadd ħliefu, u saħansitra wiċċ il-waħx tiegħu kien anqas tal-biża' minn tal-bqija. F'dak il-waqt rabtuli b'ħabel l-għekiesi b'tali mod li jħallini nagħmel pass wieħed, żifnu mill-ġdid, din id-darba iżda quddiem il-fetiċċ, imbagħad is-sidien ħarġu barra wieħed wara l-ieħor.

"Il-bieb ingħalaq warajhom, il-mużika għal darb'oħra, u s-saħħar qabbad in-nar mill-qxur tas-siġar u qagħad idur imżarġan madwaru, is-silwett kbir tiegħu kien jinkiser fil-kantunieri tal-ħitan bojod, iferfer fuq l-uċuh lixxi, jimla l-kamra b'dellijiet jiżżeffnu. Hu ħażżeż rettanglu ġo rokna fejn kaxkruni n-nisa, ħassejt il-pali ta' jdejhom nexfin u melsin, huma qiegħdu qrib tiegħi skutella bl-ilma u munżell ċkejken bil-qarabocc u wrewni l-fetiċċ, jiena fhimt li kelli

nżomm għajnejja msammrin fuqu. Hawnhekk is-saħħar għajtilhom, waħda waħda, fejn in-nar, sawwat uħud minnhom li tniegħdu, u li mbagħad marru jinxteħtu wiċċhom ma' l-art quddiem il-fetiċċ alla tiegħi, filwaqt li s-saħħar reġa' żifen u ħariġhom ilkoll 'il barra mill-kamra sakemm ma kienx għad baqa' ħlief waħda, żagħżugħa ssemmix, kokka qrib id-daqqaqa u li ma kenitx għadha ssawtet. Kien qed iżommha minn darfa xagħar li żied jobrom mal-ponn ta' jdejh dejjem aktar, hi nqalbet lura, għajnejha mqabbżin, sa ma fl-aħħar waqgħet fuq daharha. Is-saħħar werżaq hu u jitlaqha minn idu, id-daqqaqa daru wiċċhom mal-ħajt, filwaqt li t-twerżiqa minn wara l-maskri bl-għajnejn forma ta' kaxxa għoliet sal-punt li ma setgħetx tasal aktar, u l-mara bdiet titqalleb ma' l-art taħt attakk tista' tgħid t'isteriżmu u, fl-aħħar fuq saqajha u jdejha, rasha moħbija f'dirgħajha msallbin, werżqet twerżiqa hi wkoll, iżda fgata u hekku s-saħħar, jgħajjat u jħares lejn il-fetiċċ il-ħin kollu, faġarha malajr, b'mod ħajjen, bla ma wieħed seta' jara wiċċ il-mara, issa midfun taħt it-tinjiet tqal tal-libsa ta' fuqha. U jien, sforz is-solitudni, mitluf, jien mhux ukoll werżaqt, iva, xeħert imwerwer fid-direzzjoni tal-fetiċċ sa ma daqqa ta' sieq ramietni kontra l-ħajt, nigdem il-melħ, bħalma llum qiegħed nigdem il-blat, b'ħalq mingħajr ilsien, jiena u nistenna lil dak li jinħtieġ illi noqtol.

"Issa x-xemx qabżet xi ftit nofs is-sema. Minn bejn ix-xquq fil-blat, qiegħed nara t-toqba li tagħmel ġol-metall imsaħħan iżżejjed tas-sema, ħalq bħal tiegħi paċpaċi, jirrimetti bla nifs xmajjar ta' fjammi għal fuq id-deżert mingħajr ilwien. Fuq il-mogħdija quddiemi, xejn, lanqas traba waħda fuq ix-xefaq, huma bilfors qegħdin warajja jfittxuni, le, għadhom le, wara nofsinhar biss kien jinfetaħ il-bieb u jien stajt noħroġ xi ftit, wara li kont inkun qattajt ġurnata sħiħa nnaddaf dar il-fetiċċ, ħejjejt l-offerti u, filgħaxija, kienet tibda ċ-ċerimonja li fiha xi drabi kont nisfa msawwat, oħrajn le, iżda dejjem jien kont inservih lill-fetiċċ, il-fetiċċ li xbiħetu minquxa bil-ħadid fil-memorja u issa fit-tama tiegħi. Qatt l-ebda alla ma ħakimni jew għamilni skjav tiegħu daqstant, ħajti kollha lejl u nhar iddedikata lilu kif ukoll l-uġigħ u n-nuqqas ta' wġigħ, mhux dan hu l-ferħ jewwilla, lilu kont nafhom jien, u saħansitra l-kilba, iva, sforz il-preżenza tiegħi kuljum, waqt dak il-att ħajjen, kiesaħ u biered li kont nisma' jitwettaq bla ma nara, ladarba jien issa kelli noqgħod wiċċi mal-ħajt taħt piena ta' swat. Iżda b'wiċċi mwaħħal mal-melħ, bid-dellijiet bestjali jiċċaqilqu fuq rasi mal-ħajt, kont nisma' t-twerżiqa fit-tul, griżmejja jixxuttaw, ngħasi u żaqqi jitgħasru b'kilba taħraq bla ma noħrom. Hekk tgerbu l-jiem wara xulxin, bilkemm nagħraf wieħed mill-ieħor, donnhom inħallu fis-sħana tikwi u t-tidwir iqarraq bik fil-ħitan tal-melħ, il-ħin sar biss ċafċifa ħafifa ħafifa u xejn aktar li

fiha kien jiġi jinfaqa' biss twerżiq ta' wġigħ jew ta' faġra, f'intervalli regulari, tul il-jum bla tmiem li fih kien jaħkem il-feticċ bħal dik ix-xemx qalila fuq dahri ġol-blat, u issa bħal dakinhar, qiegħed nibki bid-dwejjaq u l-kilba, tama fejjieta tikwini, irrid ngħallat, nilgħaq il-kanna ta' l-ixkubetta tiegħi u r-ruħ ta' ġo fiha, ruħha, l-ixkubetti biss għandhom ruħ, o! iva, dakinhar li fih qatgħuli lsieni barra, tgħallimt inweġġaħ ruħ il-mibegħda li ma tmut qatt!

"X'balbuljata, x'dagħdigħa, *râ râ,* mixħut wiċċi ma' l-art fuq l-ixkubetta tiegħi, f'sakra ta' sħana u rabja. Min qiegħed hawn jilheġ? Ma nistax nissaportiha din is-sħana bla tmiem, din l-istennija, jinħtieġli noqtlu. Ebda għasfur, ebda werqa ħaxixa, il-ġebel, kilba fil-vojt, is-skiet, it-twerżiq tagħhom, dan l-ilsien itaqtaq ġewwa fija u, minn mindu mmutilawni, it-tbatija għal żmien twil, dejjem xorta u ħawlija, saħansitra mċaħħda mill-ilma tal-lejl, il-lejl li kont noħlom bih, maqful ma' dak l-alla, ġewwa l-għorna ta' melħ fejn kont qiegħed. Il-lejl biss, bil-kwiekeb friski u l-għejun mudlama li fih, seta' jsalvani, sa fl-aħħar jeħlisni minn taħt idejn l-allat ħżiena tal-bnedmin, iżda maqful il-ħin kollu kif kont, jien ma stajtx inġibu quddiem għajnejja. Jekk l-ieħor jittardja aktar, talanqas sa narah dieħel mid-deżert u jokkupa s-sema, dielja kiesħa tad-deheb sa tiddendel mill-quċċata mudlama tas-sema li minnha nkun nista' nixrob kemm irrid, inbill din it-toqba sewda u niexfa li ebda muskolu ta' laħam ħaj u artab ma jistaħjaha aktar, ninsa sa fl-aħħar dak il-jum li fih il-ġenn telagħli għal ilsieni.

"Xi sħana kienet qed tagħmel, dik sħana, il-melħ kien qed jinħall, talanqas hekk ħsibt jien, l-arja kienet qed therrili għajnejja, u s-saħħar daħal bla maskra. Imxiet warajh, kważi għarwiena taħt ftit ċraret jagħtu fil-griż, mara ġdida li wiċċha, miksi b'tattwaġġ li jirriproduċi maskret il-feticċ, ma kien qed jesprimi xejn ħlief stagħġib ikreh ta' idolu. Ġisimha l-unika ħaġa ħajja, mislut u mkittef li niżel kobba f'saqajn l-alla x'ħin is-saħħar fetaħ il-bieba tan-niċċa. Imbagħad ħareġ bla ma ħares lejja, żdiedet is-sħana, jien ma ċċaqlaqtx, kont qiegħed taħt għajnejn il-feticċ iħarisli minn fuq ġisimha ffriżat, iżda bil-muskoli jitħarrku ħelu ħelu u l-wiċċ t'idolu tal-mara ma nbidelx x'ħin jien ersaqt lejha. Għajnejha biss kibru hi u tħares ċass lejja, il-pali ta' saqajja kienu qed imissu ma' tagħha, is-sħana allura bdiet tgħanni, u l-idolu, mingħajr ma tgħid kelma, tħares lejja l-ħin kollu b'għajnejha jitwessgħu, iżżerżqet naqra naqra lura fuq daharha, ġibdet lejha riġlejha bil-mod, u għolliethom hi u tallargahom ħelu ħelu minn irkobbtejha. Iżda, eżattament wara, *râ* is-saħħar kien għassa tiegħi, huma daħlu lkoll f'daqqa u qalgħuni minn fuq il-mara, sawtuni bla ħniena fejn twettaq id-dnub, id-dnub! xi dnub hu, jaqbadni d-daħk, fejn qiegħed, fejnu l-virtù, ċaftruni ma' ħajt, id ta' l-azzar għafsitli x-xedaq ta' ħalqi, id oħra fetħituli, ġibditli lsieni

barra sa ma ħariġli d-demm minnu, dak jien li werżaqt b'dik l-għajta ta' bhima, karezza taqta' u rifreskanti, iva għall-erwieħ rifreskanti, għaddiet fuq ilsieni. X'ħin erġajt ġejt f'tiegħi, kont waħdi fid-dlam tal-lejl, inkaxxat mal-ħajt, miksi b'demm niexef, ħaxix xott b'riħa mhux tas-soltu jtappanli ħalqi, ma baqax nieżel demm minnu, iżda kien battâl u f'dak il-vojt kien hemm ħaj biss uġigħ għaddiebi. Ridt inqum, waqajt lura fejn kont, hieni, b'ferħ ta' ġenn fuqi li sa fl-aħħar ħa mmut, il-mewt ukoll rifreskanti u ebda alla ma jistkenn fid-dell tagħha.

"Ma mittx, ġurnata waħda mibegħda friska qamet fl-istess ħin miegħi, imxiet lejn il-bieba ta' ġewwa, fetħitha, għalqitha warajja, jien sirt nobgħod lil niesi, il-feticċ hemm kien u, minn qiegħ it-toqba fejn kont ninsab, offrejtlu aktar minn talbi, emmint fih u ċħadt dak kollu li kont nemmen fih sa dakinhar. Ave, hu b'saħħtu u setgħani, seta' jinqered, iżda mhux jikkonverti, kien qed iħares minn fuq rasi b'għajnejn vojta u msadda. Ave, huwa s-sid, il-mulej waħdieni, li għandu d-don indiskutibbli tal-ħażen, sidien twajbin ma jeżistux. Għall-ewwel darba, sforz iż-żeblih, ġismi kollu jokrob bl-uġigħ, tajt ruħi f'idejh u aċċettajt il-madmad ħajjen tiegħu, weġġaħt fih il-prinċipju qarrieqi tad-dinja. Maqful ġo saltnatu, il-belt ħawlija mnaqqxa f'muntanja melħ, maqtugħa min-natura, imċaħħda mit-twarrid għaddieni li mank jinstab fid-deżert, meħlusa minn dawk il-kolpi ta' fortuna u tenerezzi, sħaba mhux tas-soltu, xita qliel fi ftit ħin, li saħansitra x-xemx jew l-irmla midħla tagħha, insomma, il-belt ordnata, rettangoli, kmamar tas-sodda kwadri, nies riġidi, jien sirt bil-qalb kollha wieħed miċ-ċittadini maħqurin u mimlijin mibegħda tagħha, jiena ċħadt l-istorja twila li ġejt mgħallem. Kienu daħku bija, is-saltna tal-ħażen biss mingħajr xquq, kienu daħku bija, il-verità kwadra, tqila, magħquda, ma taċċettax sfumaturi, it-tajjeb ħolm fil-moħħ, proġett imwaħħar bla hedu u mbuttat bi sforz illi jifleġ, livell li qatt ma jintlaħaq, saltnatu impossibbli. Il-ħażen biss jista' jasal sal-limiti tiegħu u jsaltan b'mod assolut, lilu hemm bżonn inservu sabiex titwaqqaf is-saltna viżibbli tiegħu, imbagħad wieħed jara, dan x'jiġifieri imbagħad, ħażen biss hawn, l-Ewropa ma rriduhiex, ma rridux id-dehen u l-ġieħ u s-salib. Iva, kelli naqleb u nħaddan din sjiedi, iva veru sirt skjav, iżda ladarba jien bniedem ħażin skjav m'għadnix, avolja saqajja marbutin u ħalqi bla lsien. O! kif qed iġġenninni dis-sħana, id-deżert jgħolli leħnu kullimkien taħt dawl li ma jiġġerragħx, u hu, l-ieħor, il-Mulej tat-tjieba, li ismu biss iqallagħni, jiena niċħdu, għax jien issa nafu. Kien ħalliem u ried jigdeb, qatgħulu lsienu ħalli kelmtu ma tmurx aktar tidħak bin-nies tad-dinja, sa f'rasu deffsulu l-imsiemer, povra ras, bħalma hi tiegħi issa, x'balbuljata għandi, kemm qed inħossni għajjien, u l-art ma tregħditx, jien ċert minnu

dan, ma kienx wieħed ġust il-bniedem li qatlu, jien dan nirrifjuta li nemmnu, m'hawnx nies ġusti imma sidien ħżiena li permezz tagħhom issaltan il-verità li ma taħfirhiex. Iva, il-feticċ biss setgħani, hu l-alla waħdieni ta' did-dinja, il-kmandament tiegħu, il-għajn ta' kull ħajja, l-ilma frisk, frisk bħall-menta li l-ħalq tkessħu silġ u taħraq l-istonku, hija l-mibegħda.

"Allura nbdilt, dan huma fehmuh, meta niltaqa' magħhom kont inbusilhom idejhom, kont inżomm magħhom, ma nixbax nitgħaxxaq bihom, nafdahom, nittama li għad jimmutilaw lil niesi bħalma kienu mmutilaw lili. U x'ħin għadda minn għala widnejja li kellu jiġi l-missjunarju, kont naf x'kelli nagħmel. Kien jum bħall-oħrajn dakinhar, l-istess dawl jgħammex l-għajnejn li kien ilu sejjer tant żmien! Tard wara nofsinhar intlemaħ gwardjan għaddej jiġri f'tarf il-wilġa tal-baċir, u, xi ftit tal-minuti wara, kaxkruni lejn dar il-feticċ u ngħalaq il-bieb warajja. Wieħed minnhom żammni ma' l-art, in-naħa tad-dell, jheddidni bix-xabla li kellu forma ta' salib u s-skiet dam ħin twil sa ma ħoss mhux tas-soltu ħanaq il-belt normalment sielma, ilħna li domt ħafna biex għarafthom għax kienu qed jitkellmu bi lsieni, iżda malli nstemgħu jidwu, il-ponta tax-xafra tbaxxiet fuq għajnejja, l-għassies tiegħi ħares ċass lejja fis-skiet. Allura qorbu żewġ ilħna li għadni nismagħhom, wieħed jistaqsi lill-ieħor għaliex dik id-dar kienet mgħassa, jekk, sur Logutenent, kellhomx jitfgħu l-bieb ġewwa, l-ieħor jgħid: 'Le', bil-herra, imbagħad iżid, wara ftit, li kien intlaħaq ftehim, li l-belt kienet qed taċċetta gwarniġjon t'għoxrin ruħ basta jikkampjaw barra ċ-ċirku tal-belt u jirrispettawlhom drawwiethom. Is-suldat daħakha, qed jimxu fuq għekieshom, iżda l-fizzjal ma kienx jaf, hu x'inhu għall-ewwel darba kienu qegħdin jaċċettaw jilqgħu lil xi ħadd biex idewwi lit-tfal u dan kellu jkun ir-raħeb, imbagħad jaraw wara x'kellu jsir bit-territorju. L-ieħor qal jista' jaħseb x'jaqtgħulu barra lir-raħeb li ma kienx għas-suldati: 'U! le,' wieġeb il-fizzjal, 'anzi Dun Beffort sa jasal qabel il-gwarniġġjon, jumejn oħra jkun hawn.' Ma bqajt nisma' xejn aktar, immobilizzat, ma' l-art taħt ix-xafra, kont muġugħ, ħassejt rota ta' labar u skieken iddur ġewwa fija. Dan ġenn tagħhom, iġġennu, kienu sa jħallu l-belt tintmiss, tintmiss setgħethom li ma kien jista' għaliha ħadd, jintmiss il-veru alla, u l-ieħor, dak li kellu jiġi, ma kenux sa jaqtgħulu lsienu barra, kien sa jagħmel wirja mit-tjubija arroganti tiegħu u jgħaddiha lixxa, bla ma jisfa mżeblaħ. Is-saltna tal-ħażen sa titwaħħar, jerġa' jinbet id-dubju, kienu sa jerġgħu jitilfu ż-żmien joħolmu fit-tajjeb impossibbli li jseħħ, jinħlew fi sforzi ħawlin minflok ma jqarrbu l-miġja ta' l-unika saltna possibbli, u jien kont qed inħares lejn ix-xafra theddidli ħajti, ja setgħa li waħdek issaltan fuq wiċċ din id-dinja! Ja setgħa, u l-belt bdiet titbattal ftit ftit mill-ħsejjes ta' ġo

fiha, il-bieb sa fl-aħħar infetaħ, bqajt waħdi, maħruq, imqit, flimkien mal-feticċ, u ħliftlu li nħares it-twemmin ġdid tiegħi, lis-sidien vera tiegħi, lit-tirann Alla tiegħi, li ngħallat kemm niflaħ, jiġrili x'jiġrili.

"*Râ*, is-sħana qed iċċedi xi ftit, il-ġebla waqfet mit-theżhiż tagħha, nista' noħroġ mill-ħofra fejn qiegħed, inħares lejn id-deżert huwa u jitgħatta lewn wara ieħor bl-isfar u l-okra li ma jdumx ma jagħti fil-vjola. Dal-lejl, stennejt sa ma marru jorqdu, is-serratura tal-bieb kont imblukkajtha, ħriġt bl-istess pass tas-soltu, kemm kien jagħtini l-ħabel, it-toroq kont nafhom, kont naf mnejn nieħu l-ixkubetta qadima, liema l-ħruġ mingħajr għassa, u wasalt hawn fil-ħin li fih il-lejl jisfuma madwar qabda kwiekeb filwaqt li d-deżert jiskura xi ftit. U issa, qisni ilni jiem sħaħ mixħut qawqbijiet qalb dal-blat. Isa, isa, O, m'hemmx li jiġi ma jdumx! Ftit ieħor, u huma ser jibdew ifittxuni, itiru lejn il-mogħdijiet fid-direzzjonijiet kollha, mhux sa jkunu jafu li tlaqt għall-ġid tagħhom, u biex naqdihom aħjar, riġlejja dgħajfin, għandi fuqi f'sakra ta' ġuħ u mibegħda. O! ara hemm isfel, *râ râ* f'tarf il-mogħdija żewgt iġmla jikbru f'surithom, jiġru bil-purtant, irduppjati diġà b'dellijiet qosra, jiġru fuq tagħhom qishom f'ħolma bħal dejjem. Hemm ara fejnhom sa fl-aħħar, hemm ara fejnhom!

"L-ixkubetta, isa, malajr nikkargaha. O feticċ, alla tiegħi li inti hemm isfel, ħa tikber setgħetek, ħa jitkattar iż-żebliħ, ħa ssaltan il-mibegħda bla ħniena fuq dinja ta' mxajtna, agħmel li l-ħajjen ikun dejjem is-sid, li sa fl-aħħar tasal is-saltna li fiha tiranni suwed għad jaħkmu u jgħakksu bla ħniena f'belt waħda ta' melħ u ħadid! U issa, *râ râ* ħa tmur tinħaraq il-ħniena, tmur tinħaraq l-impotenza u l-karità li tagħmel, ħa jinħaraq dak kollu li jwaħħar il-miġja tal-ħażen, jinħarqu għal darba tnejn, u hemm arahom jinqalbu, jaqgħu, u l-iġmla jaħarbu dritt lejn ix-xefaq, fejn sħaba tajr iswed għadha kemm telgħet fl-istess sema ta' dejjem. Nidħak, x'ma nidħakx, nara 'l dan t'hawn jitkagħweġ ġol-libsa mistmella ta' fuqu, hu jiddritta ftit rasu, jarani, lili, sidu mxekkel li jista' kollox, għax qiegħed jitbissimli, dik it-tbissima naħżaqielu! X'ħoss ħlejju jagħmel iċ-ċipp fuq wiċċ it-tjubija, illum, sa fl-aħħar illum, kollox mitmum u kullimkien fid-deżert, saħansitra sigħat bogħod minn hawn, xakalli jxammu fl-arja bla riħ, imbagħad jerħulha għal għonq it-triq, jittrottjaw ħafif ħafif u bil-lajma, lejn il-festin jistenniehom ta' laħam mejjet. Vittorja! Intawwal dirgħajja lejn is-sema mbikkem, kemm kemm nilmaħ dell ikħal dagħmi n-naħa l-oħra tax-xatt, O ljieli ta' l-Ewropa, patrija, tfulija, għaliex għandi nibki fil-mument tar-rebħa?

"Iċċaqlaq, le, il-ħoss ġej minn xi mkien ieħor, in-naħa l-oħra hemm isfel dawk huma, arahom sjiedi ġejjin jiġru bħal sħaba tajr iswed ittir, neżlin dritt għal fuqi, jaħtfuni, ah! ah! iva, balltu, huma qed jibżgħu mill-għajat waħxi ta'

belthom imġarrfa, qed jibżgħu mill-vendikazzjoni tas-suldati li sejjaħt jien, kif kien jinħtieġ li jsir, fil-belt qaddisa. Iddefendu rwieħkom issa, balltu, balltu fuqi l-ewwel, intom għandkom iċ-ċavetta tas-sewwa f'idejkom! O sjiedi, imbagħad huma sa jegħlbu lis-suldati, sa jegħlbu lill-verb u 'l-imħabba, jerġgħu jimxu 'l fuq mid-deżerti, jaqsmu l-ibħra, jimlew id-dawl fl-Ewropa bil-qlugħ suwed tagħhom, balltu fuq żaqqi, iva, balltu fuq għajnejja, sa jiżirgħu melħhom fuq il-kontinent, il-veġetazzjoni kollha, iż-żgħożija kollha kemm hi sa tintefa, u folol imbikkma saqajhom imxekkla sa jimxu maġenbi fid-deżert tad-dinja taħt ix-xemx kiefra tal-fidi vera, jien waħdi aktar ma nibqax. Ah! l-uġigħ, l-uġigħ li qed iwikkuli, id-dagħdigħa tagħhom taħjini u fuq dan is-sarġ tal-gwerra li fuqu issa qed jiġbduni minn riġlejja u dirgħajja, hniena, jien qiegħed nidħak, nitgħaxxaq bid-daqqa li ssammarni u tħallini msallab tal-post.

.....................................................................

"Kemm hu sieket id-deżert! Diġà l-lejl u jien qiegħed hawn waħdi, bil-għatx. Għadni nistenna, fejn hija l-belt, dal-ħsejjes fil-bogħod, u s-suldati forsi rebbieħa, le m'għandux ikun hekk, anki jekk rebħu s-suldati, huma m'humiex kattivi biżżejjed, mhux ser ikunu kapaċi jsaltnu, għal dab'oħra sa jgħidu li jeħtiġilna nsiru aħjar milli aħna, u bħal dejjem miljuni ta' nies maqsumin bejn il-ħażin u t-tajjeb, imxekklin, O fetiċċ għaliex abbandunajtni? Kollox mitmum, għandi l-għatx, ġismi jaħraq nar, lejl mill-iżjed mudlam qed joħnoqli għajnejja.

"X'ħolma twila, twila din, qed nistenbaħ, afli le, jien sa mmut, qiegħed jisbaħ, l-ewwel dawl, is-sebħ għall-ħajjin l-oħra, u għalija x-xemx bla ħniena, id-dubbien. Min qed jitkellem, ħadd, bieb is-sema ma jitbexxaqx, le, le, Alla ma jitkellimx mid-deżert, mnejn ġej madankollu dan il-leħen li qed jgħid: 'Jekk int taċċetta li tmut f'isem il-mibegħda u s-setgħa, min sa jaħfrilna?' Dan ilsien ieħor ġewwa fija jew dan t'hawn, ma' saqajja, li ma jridx imut, u mhux ħlief itenni: 'Kuraġġ, kuraġġ, agħmel kuraġġ'? Ah! U jekk għal darb'oħra jien għamilt żball! Bnedmin ħuti ta' dari, ħliefkom m'għandix lejn min nirrikorri, x'solitudni, tabbandunawnix! Hawn, min inti, imbiċċer, ħalqek bid-demm, dan int saħħar, is-suldati għelbuk, jaħraq il-melħ hemm isfel, dan int sidi maħbub! Warrab dal-wiċċ mimli mibegħda, issa kun twajjeb, żbaljajna, sa nerġgħu nibdew, nerġgħu nibnu belt il-ħniena, jien irrid nidħol lura ġewwa dari. Iva, għinni, hekk agħtini jdejk, ġib ..."

Ponn melħ ħonoq fomm l-iskjav lewwieqi.

# Il-Kantiku tal-Ħlejjaq

San Franġisk t'Assisi

maqlub għall-Malti minn Mario Debono

Mulej, int tajjeb, int l-aktar għoli, int kollok qawwa,
lilek infaħħru, ngħollu, nagħtu ġieh u nbierku.
Lilek biss, l-iktar għoli, jixraq infaħħru
u l-ebda bniedem m'hu den li jsemmik.

Inberkuk, Mulej, mal-ħlejjaq kollha tiegħek,
speċjalment oħtna u ommna x-xemx,
dawl għall-jum u dawl tiegħek għalina,
sabiħa, tiddi b'qawwa kbira,
turina l-kobor tiegħek.

Ħa jberkuk, Mulej, ħutna l-qamar u l-istilel
li int ħlaqt ċari, sbieħ, prezzjużi.

Ħa jberkuk, Mulej, ħuna r-riħ,
oħtna l-arja, is-sħab, il-bnazzi u kull temp
li bihom tagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha.

Ħa jbierkek, Mulej, ħuna l-ilma
tant utli u umli u prezzjuż u nadif.

Ħa jbierkek, Mulej, ħuna n-nar
sabiħ, ferrieħ, u qawwi u b'saħħtu,
li bih iddawwal il-lejl.

Ħa tbierkek Mulej oħtna l-art
l-omm li titmagħna u tmexxina
u tagħtina kull tip ta' frott u ward ikkulurit u ħaxix.

Ħa jberkuk, Mulej, dawk li jaħfru għall-imħabba tiegħek
u jġorru mard u tbatija.
Imbierek minn jerfagħhom fis-sliem
għax int tagħtih il-kuruna.

Ħa tbierkek, Mulej, oħtna l-mewt tal-ġisem
li minnha ebda bniedem ma jista' jaħrab.
Gwaj għal min imut fid-dnub li joqtol,
barka għal min issibu fir-rieda qaddisa tiegħek,
għax l-infern ma jagħmillu ebda ħsara.

Faħħru u bierku 'l-Mulej tiegħi u rringrazzjawh
u aqduh b'umiltà kbira.

# Siltiet minn *Il-Profeta*

Kahlil Gibran

maqlubin għall-Malti minn Victor Fenech

**Iż-Żwieġ**

Imbagħad reġgħet tkellmet Almitra, U x'tgħidilna, mgħallem, dwar iż-Żwieġ?
U weġibha:
Twelidtu flimkien, u flimkien sa tkunu għal dejjem.
Sa tkunu flimkien meta l-ġwienaħ bojod tal-mewt ixerrdu jiemkom.
Iva, sa tkunu flimkien anki fil-memorja ħiemda ta' Alla.
Imma ħallu li jkun hemm spazji fit-twaħħid tagħkom.
U ħallu l-irwiefen tas-smewwiet jiżfnu bejnietkom.

Ħobbu lil xulxin, imma tħallux li l-imħabba tkun rabta:
Ħalluha bħal baħar miexi bejn ix-xtut ta' ruħkom.
Imlew kikkret xulxin imma tixorbux minn kikkra waħda.
Agħtu l-ħobż lil xulxin imma tiklux mill-istess ħobża.
Għannu u iżfnu flimkien, u kunu ferħanin, imma ħallu spazju 'l xulxin,
L-istess bħalma l-kordi tal-ljut huma mifrudin għad li jriegħdu bl-istess mużika.

Agħtu qalbkom, imma mhux fiż-żamma ta' xulxin.
Għax id il-Ħajja biss tista' tesa' l-qalb tagħkom.

U ieqfu flimkien imma mhux wisq qrib xulxin:
Għax mifruqa huma l-kolonni tat-tempju,
U l-ballut u ċ-ċipress ma jikbrux fi dliel xulxin.

**It-Tfal**

U mara b'tarbija mrassa ma' sidirha qalet, Kellimna fuq it-Tfal.
U hu qal:
Uliedkom m'humiex uliedkom.
Huma wlied ix-xenqa li l-Hajja għandha għaliha nfisha.
Jiġu permezz tagħkom imma mhux minnkom,
U għad li jgħammru magħkom m'humiex proprjetà tagħkom.

Tistgħu tagħtuhom imħabbitkom imma mhux ħsibijietkom,
Għax huma għandhom il-ħsibijiet tagħhom.
Tistgħu tagħtu kenn lil ġisimhom imma mhux lil ruħhom,
Għax ruħhom tgħammar fid-dar ta' għada, li intom ma tistgħu żżuru lanqas fil-ħolm.
Tistgħu tippruvaw tkunu bħalhom, imma tippruvawx tagħmluhom bħalkom.
Għax il-ħajja la timxi lura u la titlajja mal-bieraħ.
Intom il-qwies mnejn uliedkom joħorġu bħal vleġeġ ħajjin.

L-Arċier jara l-marka tul il-mogħdija ta' l-infinit, u b'setgħetu jilwikom biex il-vleġeġ Tiegħu
jaslu ħfief u 'l bogħod.
Ħallu li l-ġbid tagħkom f'idejn l-Arċier ikun wieħed ta' ferħ:
Għax waqt li Hu jħobb il-vleġġa li ttir, hekk ukoll Hu jħobb il-qaws li hu stabbli.

# L-Għaxija ta' Jum ta' Festa

Giacomo Leopardi

maqluba għall-Malti minn Oliver Friggieri

Imdawla w ħelwa l-lejla w mingħajr żiffa,
u sieket fuq is-soqfa w f'nofs il-ġonna
jistrieħ il-qamar u mill-bogħ'd jurina
ħiemda kull muntanja. O mħabba tiegħi
it-toroq issa ħemdu w f'gallarija
inemnem 'l hawn u 'l hinn id-dawl ta' lampa.
Int rieqda, għax ħaddnitek nagħsa ħelwa
fis-sikta ta' kamartek. U fi ħsiebek
m'hu jkiddek xejn u anqas taf jew taħseb
Liem ġerħa ftaħtli int fin-nofs ta' sidri.
Int rieqda; lejn das-sema li hekk twajjeb
narah mid-dehra ndur nagħti tislima
u lin-natura antika kollha setgħa
li għamlitni biex inbati. "It-tama", qaltli,
"ničħadlek, anki t-tama, u b'xejn iżjed
ma jleqqu ħbub għajnejk jekk mhux bil-biki."
Dal-jum kien festa w issa mit-tgawdija
issib mistrieħ, u forsi qed tiftakar
fil-ħolm, f'lil kemm illum għoġobt u f'oħra
li għoġbuk; mhux fija, l-ebda tama m'għandi

li nidħol jien fi ħsiebek. 'Mma nistaqsi
kemm żmien fadalli ngħix w haw' fl-art nintefa'
u ngħajjat kollni għadab. Jiem tal-biża'
F'età daqshekk żagħżugħa. Qiegħed nisma'
matul it-triq mhux bogħ'd, il-għanja wħidha
minn tal-ħaddiem li jasal tard fl-għaxija
minn fuq il-ferħ tal-jum lejn l-għorfa fqira.
U b'qawwa 'l qalbi nħossha tingħafasli
x'ħin naħseb kif fid-dinja kollox jgħaddi
u lanqas dell ma jħalli wrajh. Hekk ħarab
il-jum ta' festa u fuqu f'daqqa jiġi
il-jum tal-ħidma u maż-żmien jinġarru
ġrajjiet il-bniedem. U fejn huma l-ħsejjes
ta' dawk il-ġnus ewliena? Fejn hu l-isem
tax-xjuħ kbar tagħna, u l-imperu qawwi
ta' Ruma l-kbira, w l-armi u l-għagħa li ttarrax
li dwiet tul l-artijiet u l-oċeani!
Is-sliem u s-skiet isaltnu w kollox wieqaf
fid-dinja w dwarhom xejn m'għadu jissemma.
F'ħajti żagħżugħa meta l-jum ta' festa
bil-ħerqa kont nistenna, hekk meta jgħaddi
imnikket kont nitqalleb f'soddti mqajjem
u tard bil-lejl, il-ġimgħa li kont nisma'
fit-triq, qed tmut u qajla qajl titbiegħed,
bħal dakinhar illum għafsitli qalbi.

# Is-Sibt fir-Raħal

ta' Giacomo Leopardi

maqluba għall-Malti minn Alfred Palma

It-tfajla rieġgħa lura mill-għelieqi,
Sewsew ma' nżul ix-xemx,
Bil-faxx tal-ħaxix tagħha, u ġġorr f'idha
Mazz ċkejken ward u vjoli,
Sabiex, bħalma mdorrija
Titħejja ħalli żżejjen
Għada, fil-jum tal-festa, sidirha u xagħ'rha.

Imtasba ma' ġirienha
Fuq tarġet biebha tinseġ mara xwejħa,
Wiċċha lejn fejn il-jum qiegħed jintilef,
U ttarraf qiegħda dwar l-aħjar snin tagħha,
Met'hi kienet tiżżejjen f'jiem il-festa,
U, għadha tbigħ is-saħħa u rqajqa,
Il-lejla kollha kienet tqatta' tiżfen
Ma' dawk sħab magħha fl-isbaħ żmien tal-ħajja.

Ġo l-arja kollha ddallmet,
Reġgħet feġġet id-difa, u reġgħu niżlu
Minn fuq l-għoljiet u l-bjut id-dellijiet,

Mad-dawl bajdan tal-qamar li feġġ jilma.
Issa l-qanpiena tħabbar
Il-festa illi riesqa;
U kont tasal ittenni għall-ħoss tagħha
Li l-qalb terġa' tissabbar.

It-tfal jgħajtu
U jiġġerrew fil-pjazza żgħira,
U 'l hinn u 'l hawn erħilhom jaqbżu,
Jagħmlu storbju ferrieħ;
U sadattant, lejn bukkun il-għaxija,
Isaffar, jerġa' l-gabillott lejn daru,
Imaħħaħ fuq il-jum tal-mistrieħ tiegħu.

Imbagħ'd meta madwar kull dawl jintefa,
U l-bqija kollox jiskot,
Tisma' l-martell iħabbat, u s-sega
Tal-mastrudaxxa, illi jishar
Fil-ħanut magħluq tiegħu f'dawl il-lampa,
U jgħaġġel, u jistinka
Ħa jlesti x-xogħ'l qabel ma jerġa' jisbaħ.

Mis-sebgħa dan hu l-aktar jum li jogħġob,
Mimli bil-ferħ u t-tama:
Għada biss diqa u monotonija
Iġibu s-sigħat, u għax-xogħ'l tas-soltu
Kull wieħed jerġa' jdawwar ħsibijietu.

Żagħżugħ ċajtier ferrieħi,
Din hi l-età mwarrda
Qisha bħal jum imfawwar bl-allegrija,
Jum ċar u mingħajr sħaba,
Qabel il-festa minn tal-ħajja tiegħek.
Gawdi, ja tfajjel tiegħi: qagħda ħlejja,
Dan huwa staġun hieni,
Aktar ngħidlek ma rridx: 'mma l-festa tiegħek,
Ukoll jekk sejra ddum, tħallihiex tkiddek.

F'*Il-Malti* qed jintuża l-istil ta' dokumentazzjoni mfassal mill-MLA (*The Modern Language Association of America* – www.mla.org). Dawn huma wħud mill-karatteristiċi ewlenin tiegħu:

- kelmiet, frażijiet, u kwotazzjonijiet minn lingwi barranin għandhom jidhru bil-korsiv
- kwotazzjoni ta' aktar minn 40 kelma għandha tinqata' mill-paragrafi tat-test ewlieni u tidher f'paragrafu għalih, żewġ ċentimetri 'l ġewwa mill-marġni tax-xellug u b'font iżgħar mill-bqija tat-test (10 pt)
- il-kwotazzjonijiet jingħalqu bil-virgoletti doppji " "
- l-ismijiet ta' poeżiji, novelli u artikli jingħalqu bil-virgoletti doppji " "
- il-punteġġjatura (ngħidu aħna, virgola, punt u virgola, punt, punt interrogattiv, u punt esklamattiv) tidher fuq in-naħa ta' ġewwa tal-virgoletti doppji
- l-ismijiet ta' kotba, rumanzi u drammi jidhru bil-korsiv
- fil-*footnotes*, l-MLA tissuġġerixxi li ma jintużawx *ibid.* u *op. cit.*

Dawn huma eżempji tipiċi ta' l-ewwel referenza fil-*footnotes* għal testi stampati u elettroniċi:

Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth* (London: Penguin, 1990) 190-199.

Peter Bonadella, and Julie Conaway Bonadella, ed., *Dictionary of Italian Literature* (Westport: Greenwood, 1979).

Sam Ukala, "Politics of Aesthetics," *African Theatre: Playwrights and Politics*, ed. Martin Banham, James Gibbs, Femi Osofisan (Oxford: James Currey, 2001) 30-31.

Patricia Monk, "Frankenstein's Daughters: The Problems of the Feminine Image in Science Fiction," *Mosaic* 13.3-4 (1980): 15-27.

*The THCME Medical Biochemistry Page*, ed. Michael W. King, 16 ta' Awwissu, 1999. Terre Haute Center for Medical Education, 24 ta' Awwissu, 1999 <http://web.indstate.edu/thcme/mwking/home.html>.

Referenzi għal testi li jkunu diġà ssemmew fil-*footnotes* iridu jkunu qosra. L-ewwel referenza:

Wolfgang Iser, *The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response* (Baltimore: The Johns Hopkins UP, 1978) 64.

Ir-referenza ta' wara:

Iser 61.

Jekk hemm referenzi għal testi oħra ta' Iser, it-tieni referenza u ta' warajha jsiru hekk:

Iser, *The Act of Reading* 61.

Hemm għadd ta' siti elettroniċi li jagħtu ħjiel ta' dan l-istil, fosthom: http://www.library.northwestern.edu/reference/instructional_services/electronic_handouts/MLA%20style%20guide.pdf. Hu importanti li l-kontributuri jsegwu kemm jistgħu dan l-istil.

# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Borg Steve Borg Norbert Bugeja Charles Casha Mario Debono Victor Fenech Oliver Friggieri Carmel G. Cauchi Sergio Grech Maria Grech Ganado Adrian Grima Henry Holland Immanuel Mifsud Maurice Mifsud Bonnici Walid Nabhan Alfred Palma Patrick Sammut Karl Schembri Lillian Sciberras Vince Vella Trevor Żahra

Clare **Azzopardi** Toni **Aquilina** Ġorġ **Borg** Paul P. **Borg** Stanley **Borg** Steve **Borg** Norbert **Bugeja** Charles **Casha** Mario **Debono** Victor **Fenech** Oliver **Friggieri** Carmel G. **Cauchi** Sergio **Grech** Maria **Grech Ganado** Adrian **Grima** Henry **Holland** Immanuel **Mifsud** Maurice **Mifsud Bonnici** Walid **Nabhan** Alfred **Palma** Patrick **Sammut** Karl **Schembri** Lillian **Sciberras** Vince **Vella** Trevor **Żahra**

Clare Azzopardi Toni Aquilina Ġorġ Borg Paul P. Borg Stanley Borg Steve Borg Norbert Bugeja Charles Casha Mario Debono Victor Fenech Oliver Friggieri Carmel G. Cauchi Sergio Grech Maria Grech Ganado Adrian Grima Henry Holland Immanuel Mifsud Maurice Mifsud Bonnici Walid Nabhan Alfred Palma Patrick Sammut Karl Schembri Lillian Sciberras Vince Vella Trevor Żahra



*Memorial*
*mixed media,* 98ċm dijametru
Raphael Vella

ISBN 99932-7-125-X

9 789993 271253

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI